# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Jannar 2000 – Nru. 815



GOZO CATHEDRAL
PUBLIC LIBRARY
DONATED BY
G. Portelli
GAD
113803
9/05
(DATE)

*Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir*

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS

Dan huwa t-tielet volum fis-sensiela
**"Għejun ta' Katekesi"**
ippubblikati fl-okkażjoni
tal-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000.

Il-volumi l-oħra li ġa ħarġu f'din is-sensiela kateketika għal kulħadd, huma:

1. **"Il-Pjan tal-Fidwa fil-Bibbja"**
   minn P. Guido Schembri ofm.
2. **"Il-Ġrajjiet Ewlenin tal-Knisja"**
   minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi

Suġġetti oħra li qegħdin jitlestew:

4. **"Il-Quddiesa Mfissra"**
5. **"Is-Sagramenti f'Ħajjitna"**
6. **"Il-Misteru ta' l-Għid"**

Kull volum jinbiegħ Lm 1.50c.

# IL-ĠUBLEW
## X'INHU U GĦALIEX






Tagħrif
Storiku u
Riflessjonijiet
għall-Ġublew 2000
minn Mons. Salv Borg

# f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 8
L-Intervista • 10
Għawdex 300 mit sena ilu – Paġna mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex • 13
Drawwiet Missirijietna: Drawwiet ta' l-aħħar u l-ewwel tas-sena • 14
It-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan • 17
Riflessjonijiet dwar il-Ġublew • 20
Ġublew 2000: L-Indulġenza • 22
Dun Ġorġ Preca: Il-bniedem, in-nisrani, is-saċerdot • 23
Wirt Għiritna: Ir-Raddi u d-*Dolmens* • 24
It-Tagħlim Soċjali tal-Knisja: Il-Bniedem fis-Soċjetà • 26
Int u saħħtek • 30
Għawdex Sportiv • 32
Mid-dinja teknoloġika • 34



**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Harġa nru. 815**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 560496/7 Fax. 561860**

**Abbonament : Lm 3**

**Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata:** ***Lumen Christi Media Centre***
**Stampata:** ***"Gozo Press"***
***Għajnsielem, Għawdex***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil- 15 ta' Diċembru 1999.*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


**Ritratt tal-Qoxra:**
2000 sena ta' storja ta' fidi nisranija
*Ħajr lil Carmel Agius (Xagħra)*

# EDITORJAL



# Is-Sena tal-Mulej

*Ninsabu fil-bidu tas-sena tal-grazzja tal-Mulej. Din hija xorti kbira għaliex qegħdin nibdew mhux sena bħall-oħrajn, iżda millennju ieħor. Għalhekk hija s-sena tal-Ġublew il-Kbir. Nawguraw lill-qarrejja tagħna kollha li din is-sena tkun sena ta' grazzji kbar u li ma jħallux iż-żmien jgħaddi bla ma japprofittaw ruħhom miż-żmien li ninsabu fih.*

*Kienet idea qaddisa tal-Papa li mar jiddedika is-sena 2000 bħala s-sena ta' l-Ewkaristija. L-ewwelnett għaliex l-Ewkaristija tfisser ukoll "Alla Magħna". Mingħajr Alla d-dinja ma teżistix u wisq inqas iżżomm wieqfa. Alla bħala Missierna, ma jridx li nħossuH 'il bogħod minna. Għalhekk nibdew it-tielet millennju billi nersqu lejn Alla permezz ta' Ġesù Ewkaristija.*

*Irridu jew ma rridux, kultant jiġu mumenti li fihom, iktar mis-soltu, nħossu l-bżonn t'Alla. Bħalissa żgur li hu waqt minnhom, għaliex xħin niftakru f'dak kollu li għadda minn fuq l-umanità matul l-aħħar seklu nħossu qtigħ ta' qalb xħin niġu quddiem seklu ieħor. Tgħid se jkun hawn it-tbatijiet ta' konflitti armati u ġenoċidji li sallbu 'l bniedem matul is-seklu 20? Aħjar inkunu ottimisti u nittamaw li bis-saħħa ta' l-għajnuna ta' Ġesù Ewkaristija ma jkollniex replika tal-flaġelli li sallbu u biċċru lill-umanità fis-seklu li għadda. Nittamaw li tinstab soluzzjoni għall-problema tal-ġuħ tal-biża' li qed jeqred eluf u eluf ta' bnedmin speċjalment fil-pajjiżi mhux żviluppati. Nittamaw li jispiċċaw it-tbatijiet inumani ta' eluf ta' refuġjati li jfittxu kenn, xogħol u biċċa ħobż. Nittamaw li tinstab soluzzjoni għall-problema tad-djun li qed jifilġu lill-pajjiżi foqra.*

*Meta jkollna lil Alla magħna speċjalment fl-Ewkaristija, l-ebda tempesti mhuma se jgħarrquna. Jekk Alla magħna, min se jkun kontra tagħna? U b'din in-nota ta' kuraġġ nawguraw*

*IS-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD!*




## Il-LOGO IL-ĠDID

Mal-bidu ta' din is-sena l-ġdida bdilna l-logo ta' din ir-rubrika. Nirringrazzjaw lis-Sur Paul A. Stellinai li tana l-permess nużaw ritratt ta' pittura tiegħu taċ-Ċittadella bħala logo.

## TAĦDIDA DWAR SANT' WISTIN

Bħala parti mil-laqgħat ta' aġġornament għall-kleru, organizzati mill-Kummissjoni Teoloġika Djoċesana u l-Kummissjoni Kleru, nhar is-Sibt 6 ta' Novembru 1999, fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesù, saret taħdida mill-Professoressa Dr. Kari-Elizabeth Borresen bis-suġġett "Inculturating Christian Tradition: Godlikeness and Typology". Din ġiet organizzata bil-kollaborazzjoni tal-Provinċja Agostinjana f'Malta.

## MONS. ISQOF JIĊĊELEBRA L-EWKARISTIJA FOST L-ISTUDENTI

Bħala preparazzjoni għall-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija fis-Sala tal-Iskola Ninu Cremona għall-istudenti subien li jattendu l-istess Kumpless. Nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru, ħadu sehem l-istudenti tal-Forms 1 u 2, waqt li nhar it-Tnejn 8 ta' Novembru kienu mistiedna l-istudenti kollha tal-Forms 3, 4, u 5. Mons. Isqof tkellem mal-istudenti dwar il-konvinzjoni li jeħtieġ li jkollhom dwar il-quddiesa biex hekk verament jipparteċipaw fl-Ewkaristija u ma tibqax biss ħaġa ta' drawwa.

## IT-III KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN

Bi tħejjija għas-sena tal-Ġublew iddedikata lill-Ewkaristija, fid-Djoċesi tagħna nżamm it-tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan. Saru diversi attivitajiet kemm fuq bażi parrokkjali kif ukoll fuq bażi djoċesana. It-tema magħżula għal dan il-Kungress kienet: "Ibqa' magħna Mulej, fl-Ewkaristija".

Il-ftuħ solenni tal-Kungress sar nhar is-Sibt 13 ta' Novembru 1999 fil-Knisja Katidrali b'Pontifikal solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Luigi Gatti, Nunzju Apostoliku f'Malta. Kienu mistiedna l-kleru Għawdxi flimkien mal-lajċi mpenjati fl-għaqdiet u movimenti nsara flimkien mal-poplu kollu. Fl-omelija tal-okkażjoni, in-Nunzju qasam l-awguri tiegħu mal-poplu Għawdxi kollu biex "Ġesù jgħin lid-djoċesi Għawdxija tgħix il-Kungress bħala żmien ta' grazzja speċjali u tgħix dan b'mod awtentiku fil-loġika ta' Kristu".

Matul il-ġranet tal-Kungress diversi Isqfijiet kienu mistiedna jmexxu konċelebrazzjonijiet f'diversi parroċċi tad-Djoċesi. Fost l-Isqfijiet mistiedna kellna l-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, l-E.T. Mons. Annetto Depasquale, l-E.T. Mons. Silvestru Magro, l-E.T. Mons. Locatelli u l-E.T. Mons. Pietro Garlato.

Fl-istess okkażjoni tal-Kungress, Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi kiteb ittra pastorali dwar l-Ewkaristija li ġiet imqassma f'kull dar. Mons. Isqof temm din l-ittra pastorali tiegħu b'dawn il-kelmiet: "Jalla ngħożżu dan it-teżor tal-Ewkaristija u ningħaqdu miegħu b'rabtiet ta' mħabba li ħadd u xejn ma jista' jħoll."

Matul din il-ġimgħa tal-Kungress saru wkoll laqgħat għall-Kommunitajiet Ewkaristiċi li qegħdin jitwaqqfu fid-Djoċesi, għall-membri tal-Kumitati Liturġiċi tal-parroċċi kif ukoll għall-Ministri Staordinarji tal-Ewkaristija, fejn sar it-tiġdid tal-mandat tagħhom. Il-Ħamis 18 ta' Novembru ġiet miftuħa wirja ta' xogħlijiet magħmula mit-tfal u mill-istudenti tad-Djoċesi marbuta

lkoll mat-tema tal-Kungress. Din ġiet imtella' fiċ-Ċentru tal-Leġjun ta' Marija fi Pjazza Santu Wistin, ir-Rabat.

## LAQGĦA DJOĊESANA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ



Fl-okkażjoni tal-Kungress saret laqgħa għaż-żgħażagħ Għawdxin kollha fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri nhar il-Ġimgħa19 ta' Novembru 1999. Qabel id-diskors ta' Mons. Isqof Nikol G. Cauchi sar kant u talb immexxi minn Patri George Bugeja O.F.M. Fid-diskors tiegħu Mons. Isqof sejjaħ liż-żgħażagħ biex iroddu ħajr u jitolbu lil Alla u dan għandhom jagħmluh mhux biss għax qegħdin niċċelebraw il-festa ta' Kristu Sultan u l-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, imma ta' kuljum. Huwa qalilhom li n-nisrani li ma jitlobx mhux veru nisrani. Kif il-bniedem jeħtieġ l-arja tajba biex jgħix, hekk ukoll in-nisrani jeħtieġ jitlob biex jgħix il-ħajja soprannaturali. Din l-attività ġiet organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ.

## SYMPOSIUM TEOLOĠIKU




Dan ġie organizzat fis-Sala Fr. Glavina fid-Dar Manresa bejn il-ġranet tal-Ġimgħa 19 u s-Sibt 20 ta' Novembru. Diversi kienu s-suġġetti li ġew diskussi minn diversi kelliema. Il-Ġimgħa tkellmu P. Angelo Amato S.D.B. bis-suġġett: "La Dottrina sull' Eucaristia nel Concilio e nel post-Concilio", Fr. Fabio Attard S.D.B. bis-suġġett: "L-Ewkaristija u l-imġieba morali tan-Nisrani", u Fr. Maurice Eminyan S.J. bis-suġġett: "L-Ewkaristija u l-Knisja". Imbagħad is-Sibt tkomplew l-interventi tal-kelliema mistiedna: Patri Peter Paul Zerafa O.P. tkellem dwar "It-Testi Ewkaristiċi Bibliċi fil-Konċilju u wara l-Konċilju u fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika"; Patri Ġużepp Beneditt Xuereb tkellem dwar "L-Aspett Pastorali u Liturġiku ta' l-Ewkaristija wara l-Konċilju"; Mons. Giovanni B. Gauci Vig. Ġen. tkellem fuq is-suġġett: "Ħobża Waħda u Ġisem Wieħed - fl-applikazzjoni tal-kodiċi tal-Liġi Kanonika"; Mons. Arċipriet Joseph Farrugia tkellem dwar "L-Ewkaristija: Prospettiva Antropoloġika"; Fr. Ugo Cremona O.P. tkellem dwar "Il-Moviment Ekumeniku u d-duttrina dwar l-Ewkaristija"; Mons. Lawrenz Sciberras tkellem dwar "Is-Sehem tal-Kristjani Ortodossi fl-Ewkaristija". Bħala konklużjoni, Mons. Isqof tkellem dwar l-Ewkaristija fid-dawl tas-Sinodu t'Għawdex.

## VIŻITATUR APOSTOLIKU JŻUR IS-SEMINARJU

Matul il-ġranet 23 sas-26 ta' Novembru kellna fostna l-E.T. Mons Vincent Logan flimkien mas-segretarju tiegħu, Fr. Michael McMahon li żaru s-seminarju tad-djoċesi u ltaqgħu mas-superjuri, mal-*lecturers* kif ukoll mal-istess seminaristi li qegħdin jitħejjew għas-saċerdozju. Viżta bħal din saret ftit ġimgħat qabel fis-Seminarju ta' Malta. Mons. Logan issa ser jissottometti r-relazzjoni tiegħu lill-Kongregazzjoni tas-Seminarji ġewwa Ruma li mbagħad fl-aħħar tagħti l-istruzzjonijiet tagħha.

## MONS. ISQOF JILTAQA' MA' PERSUNI B'DIŻABILITÀ




Nhar il-Ħadd 28 ta' Novembru, Mons. Isqof iċċelebra l-Ewkaristija fis-Santwarju ta' Pinu fejn kienu preżenti l-persuni b'diżabilità t'Għawdex. Din il-laqgħa ġiet organizzata minn Dun Manwel Curmi, Direttur tal-Kummissjoni Djoċesana Caritas. Mons. Isqof tkellem dwar is-sahra li jeħtieġ li lkoll nagħmlu fi żmien tal-Avvent Imqaddes. L-għada, it-Tnejn 29 ta' Novembru 1999 Mons. Isqof żar il-bini l-ġdid tar-*Respite Centre* f'Għajnsielem fejn ġie imdawwar mal-bini mill-kumitat tal-Caritas. Għal darba oħra l-Caritas Djoċesana ħasbet li tistampa l-Almanakk Għawdxi li tqassam f'kull dar Għawdxija.




### Kxif ta' monument



Nhar is-Sibt 20 ta' Novembru filgħaxija fit-Teatru Astra ġie kkommemorat il-Fundatur tas-Soċjetà Filarmonika La Stella, il-Perit Pietru Attard. Ittella' programm mużikali mill-istess banda taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur Profs. Joseph Vella. Matul dan il-programm sar diskors kommemorattiv minn Pawlu Mizzi dwar il-ħajja u ħidmet il-Perit Attard. Aktar tard il-Ministru għal Għawdex inawgurat monument li jfakkar il-figura tal-Perit Attard, liema monument jinsab biswit l-entratura tas-sala tal-kunċerti tal-Banda Ċittadina La Stella. Ix-xogħol sar mill-iskultur Malti Joseph Chetcuti. Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll l-*Ispeaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-sur Anton Tabone.

### Jum il-Kunsill Nadur

Is-Sibt 20 ta' Novembru ġie ċċelebrat għall-ewwel darba Jum in-Nadur. Fost l-attivitajiet prinċipali kellna r-*refurbishment* tal-librerija lokali, il-ftuħ uffiċjali tad-*Day Centre* għall-Anzjani, *tournament* tal-futball b'tifkira ta' Joe Tabone, serata ta' talent Naduri, marċ mill-Banda Mnarja, kif ukoll ċelebrazzjonijiet reliġjużi. Ħadu sehem f'dawn l-attivitajiet is-Sindku Dr. Chris Said, il-Ministru Giovanna Debono u l-Arċipriet Mons. Salv Muscat. Ġie ffirmat ukoll ftehim dwar it-tmexxija tat-Torri ta' Kenuna bejn il-Kunsill Lokali u l-Maltacom.

### Għotja ta' Flus

Il-Ġimgħa 26 ta' Novembru inżammet ċerimonja ġewwa l-Ministeru għal Għawdex fejn iċ-*chairman* tal-Bank of Valletta ppreżenta għotja ta' Lm1000 lill-Ministru għal Għawdex. Din is-somma ngħatat b'ris l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-flus ser jintużaw biex tiġi nstallata sistema ta' *fibre-optics* sabiex jiġu konnessi ż-żewġ partijiet amministrattivi ta' l-isptar. B'hekk tkun iffaċilitata l-komunikazzjoni permezz tat-teknoloġija ta' l-informatika bejn il-parti amministrattiva fl-isptar ta' l-Ibraġġ u l-bqija ta' l-isptar.

### L-MV Xlendi mgħarraq

Il-vapur MV Xlendi li sa ftit żmien ilu kien jintuża mill-Gozo Channel għall-ġarr tal-passiġġieri bejn iż-żewġ gżejjer ġie mgħarraq fix-Xatt l-Aħmar f'fond ta' madwar 35 metru. Dan seħħ fis-26 ta' Novembru. Il-vapur ġie mgħarraq biex iservi ta' attrazzjoni speċjali f'qiegħ il-baħar għall-għaddasa.

### Ġieħ il-Fontana

Iċ-ċerimonja saret waqt programm varjat li ttella' fiċ-Ċentru parrokkjali tal-Fontana biex jitfakkar Jum

il-Fontana li ġie ċċelebrat nhar l-Erbgħa l-1 ta' Diċembru. Il-programm ta' l-okkażjoni fetaħ b'ċelebrazzjoni ta' quddiesa fil-knisja parrokkjali bil-parteċipazzjoni tal-Kor Kristu Sultan. Il-premju ġie mogħti lil Mons. Rużar Borg għax-xogħol fejjiedi li dejjem wettaq b'risq il-lokalità tal-Fontana.

## *Jum ix-Xewkija*

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija organizza diversi attivitajiet biex ifakkar Jum ix-Xewkija. Ġie organizzat festival tal-futbol *under 12* li fih ħadu sehem diversi timijiet minn madwar Għawdex. Ġiet organizzata wkoll kompetizzjoni tal-boċċi. Studenti mill-iskola primarja ġew mistiedna biex jieħdu parti f'kompetizzjoni ta' kitba dwar xi proġett tal-Millenju għax-Xewkija. Ġie esegwit ukoll kunċert mużikali mill-Banda Prekursur taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anton Borg. Il- Ministru għal Għawdex qassmet il-premijiet lir-rebbieħa ta' diversi kompetizzjonijiet. Is-sindku Mario Camilleri ppreżenta lill-iskejjel tal-Biedja u Bini kif ukoll lil dik primarja Lm100 kotba kull skola. Saru diskorsi ta' l-okkażjoni kemm mis-sindku kif ukoll mill-Ministru Giovanna Debono.

## *Il-Premju "Żagħżugħ tas-Sena"*



Patrick Cumbo ta' 28 sena miż-Żejtun huwa r-rebbieħ ta' dan il-premju mniedi mill- "Fondazzjoni Oasi". Cumbo kien innominat flimkien ma' ħdax-il żagħżugħ ieħor mill-gżejjer Maltin għar-rikonoxximent tagħhom f'ħidma volontarja li jkunu wettqu f'xi qasam soċjali, kulturali, filantropiku u karitattiv mingħajr ebda interess jew gwadann personali. Iċ-ċerimonja saret is-Sibt 4 ta' Diċembru fis-Sala tal-Konferenzi tal-Lukanda Ta' Ċenċ. Kien il-President ta' Malta Profs. De Marco li ppreżenta t- trofew lil Patrick. Patrick ħareġ mill-problema tad-droga u qatt ma ħares lura. Kompla jattendi l-Caritas biex jgħin żgħażagħ oħrajn joħorġu mill-vizzju tad-droga. Matul iċ-ċerimonja saru diskorsi mill-Ministru għal Għawdex u minn Paul Buhagiar f'isem is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport. Kelmtejn oħra saru mill-President u minn Ms Eleanor Muscat, ir-rebbieħa ta' dan il-premju tas-sena li għaddiet. Għaxar żgħażagħ minn dawk nominati ġew ippreżentati wkoll b'ċertifikati u tifkira ta' l-okkażjoni mid-direttur ta' l-OASI, Fr. Emanuel Cordina.

## *Atmosfera tal-Milied*



Triq ir-Repubbblika u Pjazza Indipendenza fir-Rabat Għawdex inxtegħlu għall-okkażjoni tal-festi tal-Milied u tas-Sena l-Ġdida. Dan kien is-Sibt 4 ta' Diċembru.
L-inizjattiva għal din is-sena ħadha l-Kumitat għaċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Millennju f'Għawdex li ħass li din is-sena għandu jagħti dehra lil dawn l-inħawi aħjar minn dik tas-soltu. Ix-xogħol sar minn ħaddiema Taljani.

## *Jum il-Munxar*

Il-Kunsill Lokali tal-Munxar fakkar dan il-Jum permezz ta' *treasure hunt* is-Sibt 11 ta' Diċembru. Il-Ħadd 12 ta' Diċembru saret quddiesa konċelebrata ta' radd il-ħajr fil-Knisja Parrokkjali. Ġew organizzati diversi attivitajiet sportivi fil-grawnds taċ-Ċentru Parrokkjali, fosthom futbol u baskitbol. Mis-1.00pm 'il quddiem inżammet *tea-tombola* b'risq l-artal tal-knisja u logħob tal-boċċi.

## *Jum ir-Repubbblika*

Il-festi fl-okkażjoni ta' dan il-Jum Nazzjonali bdew il-Ħamis 9 ta' Diċembru b'kunċert mill-Orkestra Nazzjonali u l-kor "Chorus Urbanus". Dan inżamm fil-Knisja tan-Nadur u ttella' mill-Kunsill Lokali tan-

*Ikompli f'paġna 29*




## BŻONN TA' MERA

Min ikun nieżel bil-karozza miċ-Ċittadella isibha ftit diffiċli jikser għal Pjazza Indipendenza jew Pjazza Savina, għax jekk ma joħroġx sa nofs it-triq bil-karozza tiegħu ma jkunx jista' jara t-traffiku li ġej. Forsi kull ma hemm bżonn biex jiġi evitat xi inċident hi daqsxejn ta' mera n-naħa ta' l-Uffiċċju tad-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.

## *PARKING* RISERVAT GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Fi Pjazza San Franġisk, sewwa sew quddiem il-Ministeru għal Għawdex, hemm *parking* riservat għal persuni b'diżabiltà. Ħaġa tajba, għajr li dan il-post dejjem ikun okkupat minn xi ħadd li m'għandu l-ebda dritt jipparkja hemmhekk. Donnu li ċerti nies f'pajjiżna neqsin għal kollox mill-ABĊ ta' l-edukazzjoni ċivika. Pulizija għassa mal-Ministeru dejjem ikun hemm. Ma jridx wisq biex jivverifika... u jagħti xi multa, meta jkun il-każ.

## TAL-*MELITA CABLE*

Mal-kont ta' Novembru, tal-*Melita Cable* qalu lill-abbonati tagħhom li minn Diċembru 99 kienu qed iżidu l-ħlas ta' l-abbonament b'6ċ kull xahar. Lill-abbonati kitbulhom hekk: "*Dear Customer, ... As you are aware, recently we changed the layout of our monthly Cable Guide magazine; introduced day-by-day listings, added more highlights, features and an extra 16 pages. Due to these improvements, we are committed to put into effect an increase of 6 cents as from the December issue.*"

*O, how nice of them*! Ippruvaw għamlu ftit tal-kalkoli: kull sena, kull abbonat ser ikollu jħallas 72ċ iżjed lill-*Melita Cable*. Ippruvaw immultiplikaw dawn it-72ċ għal kemm għandhom abbonati (u għandhom mhux ħażin!), u tindunaw li, bl-iskuża ta' dawn il-paġni li jridu jżidu, tal-*Melita Cable* ser jiġbru ftit ta' l-eluf tal-liri sew! B'daqsxejn ta' nota, sejrin idaħħlu kemxa flus ġmielha bla taħbit ta' xejn!

Fl-aħħar ta' din in-nota lill-abbonati kitbulhom hekk: "*We thank you for your understanding, support and co-operation.*" Ma tarax! Melita Cable, l-aritmetika jafuha wkoll dawk li jħallsu l-abbonament kull xahar!

## *BUDGET 2000*



Anke jien kelli nissikka ftit iċ-ċinturin. Nittama li dan l-issikkar ikollu effett pożittiv, mhux biss biex jitnaqqas id-deficit nazzjonali iżda wkoll biex iġib 'il quddiem l-ekonomija ta' pajjiżna. L-intenzjonijiet tajba tal-*budget* waħidhom mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet li għalih il-*budget* ġie mfassal. Sfortunatament f'pajjiżna hawn kultura li l-liġijiet qegħdin hemm biex ma jiġux infurzati. X'jiswa li tgħolli l-petrol u s-sigaretti jekk ħafna ħaddiema mal-Gvern qegħdin hemm għal xejn għax ma jipproduċux, jew saħansitra jiskartaw mix-xogħol u jintefgħu bilqegħda fi Pjazza San Franġisk? X'jiswa li tipprova tikkontrolla l-ispiża kapitali tal-Ministeri jekk il-politiċi tagħna jibqgħu jdaħħlu n-nies mal-Gvern, anke meta mhemmx bżonn? X'jiswa li tgħid li kulħadd għandu jħallas it-taxxi jekk taf li hemm ħafna ħaddiema li jdaħħlu 15, 20 lira kuljum u aktar, u dawn taħsibhom mejtin bil-ġuħ? Hemm bżonn ta' erba' minn nies li jinfurzaw il-liġijiet, għax aħna poplu li jaqbel ma kull sagrifiċċju... basta ma jkollux jagħmlu hu.

## HEMM ALTERNATTIVA GĦALL-ĦABS?

Kull min jeħel il-ħabs jispiċċa fl-istess post, kemm jekk ikun kriminal feroċi, kemm jekk ikun wieħed li wettaq reat mhux perikoluż. Minkejja li dan il-post għandu l-funzjoni edukattiva ta' "faċilità korrettiva", mill-istejjer li nisimgħu jidher li dan il-għan mhux dejjem jintlaħaq. Miniex kontra l-ħabs, imma kif jeżistu

postijiet ta' "riabilitazzjoni" marbuta ma' problemi speċifici, bħalma hi d-droga, tfajliet jew żgħażagħ bi problemi, tgħid wasalx iż-żmien li f'pajjiżna jkun hawn struttura "korrettiva" li mhix il-ħabs għal dawk il-persuni li għalkemm wettqu reati li ħaqqhom piena, però mhumiex perikolużi għas-soċjetà? Forsi, b'dan il-mod, tkun tista' sseħħ ir-riedukazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà ta' dawn it-talin mingħajr ma tibqa' ttimbrata fuqhom il-kelma ħabs.

## "ILMA, ILMA KULLIMKIEN..."

Hekk tgħid il-poeżija "*The Rhyme of the Ancient Mariner*". Tlabna għax-xita u qlajna aktar milli tlabna. Għal mument kellna nitolbu biex tieqaf! Dak li jiddependi mill-Mulej, nitolbuhulu, bit-tama li jismagħna malajr. Imma hemm affarijiet oħra li jiddependu minn persuni tad-demm u l-laħam. Kull meta tkun ħalba xita mhux ħażin, mhux biss ma tkunx tista' timxi fit-toroq imma bilkemm toħroġ bil-karozza. It-toroq li għandna diġà huma fi stat ħażin. Bix-xita jfuru u jirrendu kollox aktar diffiċli.

Triq fost ħafna li għandha bżonn soluzzjoni hi Triq ir-Repubblika, minn quddiem l-iskola Sir Mikelanġ Refalo 'l isfel. Fi ftit spazju hemm ikkonċentrata popolazzjoni kbira ta' studenti. Problema serja għas-saħħa ta' l-istudenti ta' l-iskola, għax biex jaqsmu t-triq jinħaslu waħda sew qabel jibdew l-ewwel lezzjoni, u jibqgħu mxarrbin sakemm jirritornaw id-dar.

Ma jdmux ma jinqala' xi inċident serju. Tara diversi karozzi jsuqu fid-direzzjoni opposta biex jevitaw l-ilma. Niesna ta' l-antik kienu jagħmlu l-gandotti biex jikkanalizzaw l-ilma. Ta' żmienna radmuhom u bnew fuqhom, u bl-iskuża ta' l-ispejjeż baqgħu ma sarux oħrajn ġodda. Hemm tant ħaddiema tal-Gvern b'idejhom fuq żaqqhom għax ħadd ma jaf kif iħaddimhom! Agħtuhom baqqun f'idejhom bħal fl-antik...

"*And not a drop to drink*", kienet tikkonkludi l-poeżija. Jekk jirnexxielna nibnu ġibjuni, kif issuġġerixxa l-Ministru Ċensu Galea biex nilqgħu dan l-ilma kollu, ikollna x'nixorbu aħna u l-bhejjem kollha ta' l-art. Smajt li fl-iskola tal-biedja Kelinu Galea hemm żewġ *cess pits* kbar ħafna li llum – sa fejn nafu – m'għadhomx jintużaw. Darba ssuġġerew li jnaddfuhom, jiddiżinfettawhom u jużawhom biex jaħżnu l-ilma għat-tisqija. Din il-proposta għad fadlilha validità?

## BANKINI

Minn kemm ilu li hawn il-Kunsilli Lokali saru ħafna bankini fl-ibliet u l-irħula tagħna. Barra l-aspett estetiku, il-bankini - meta jkunu magħmulin sewwa - għandhom funzjoni parikulari: meta jkun il-bżonn, iservu ta' passaġġ għal min ikun miexi fit-triq. Fi żmien ix-xita, il-bankini kont issibhom ħafna komdi, għax jiffrankawlek li timxi fl-ilma. Sfortunatament, fuq diversi bankini tqegħdu qsari kbari u magni tal-fliexken tax-xorb li ma jħallukx timxi kif trid. Mhux darba u tnejn, bl-ilma għaddej mit-triq, kelli ninżel minn fuq bankina fl-ilma għax sibt quddiemi qasrija jew ostaklu ieħor. Mhux darba u tnejn ukoll rajt persuni mdaħħla fiż-żmien għaddejja minn fuq bankini b'madum taċ-ċeramika mxarrab jiżloq daqs l-arblu tal-ġostra. Hemm xi mezz kif il-bankini jaqdu sewwa u bla tfixkil il-funzjonijiet tagħhom?

## IT-TFAL U L-QUDDIESA



Kattoliku mingħajr quddiesa ma jiswa xejn. Għandna ħafna kattolċi f'pajjiżna li qatt m'apprezzaw il-liturġija u ma jifhmu xejn miċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa. Barra l-valur sagramentali u sagrifikali tal-quddiesa, il-ħafna talb li minnu hi msawra l-quddiesa jista' jservi bħala mezz ta' tqaddis persunali għal min jirrifletti fuqu u jimmeditah.

Imma t-tfal tad-duttrina, li tant nistinkaw magħhom biex ngħinuhom jieħdu sehem u jħobbu l-quddiesa, kemm jistgħu jifhmu minn dan kollu? Dak il-ħafna kliem sabiħ imma diffiċli li minnu hu msawwar it-talb liturġiku, u ħafna drabi l-istess siltiet bibliċi, kemm hu adattat għat-tfal tagħna? Darba kienu saru tliet talbiet ewkaristiċi biex jintużaw fil-quddies għat-tfal. Imma dawn, jekk qed jintużaw, biżżejjed biex it-tfal jifhmu u jipparteċipaw fil-quddiesa kif jitlob il-Konċilju Vatikan II?

Forsi wasal iż-żmien li ssir mhux biss talba

***Ikompli f'paġna 31***

NAMASTE
AUTHENTIC INDIAN CUISINE
Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo. Tel: 561619

# L-INTERVISTA



*Dun Eddie Zammit jintervista lil* ***Mons. Carmelo Hili****, Segretarju tal-Kumitat tal-Ġublew il-Kbir tad-Djoċesi ta' Għawdex u lis-****Sur Kevin Sciberras****, Chairman tal-Kumitat tal-Millennju fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.*

## *L-intervista lil Mons. Carmelo Hili*

**1. X'tifsira għandu l-Ġublew għall-insara tad-Djoċesi ta' Għawdex?**



Il-Ġublew il-Kbir tas-Sena 2000 mniedi mill-Papa Ġwanni Pawlu II jolqot lill-Knisja kollha. Il-Knisja lokali ilha tħejji lill-insara Għawdxin sa minn meta tnieda mill-Papa dan il-Ġublew. Fost ħwejjeġ oħra twettaq programm ta' ħidma matul it-tliet snin ta' tħejjija għal dan il-Ġublew. Saru diversi pellegrinaġġi u attivitajiet spiritwali bħalma huma konferenzi u ġranet ta' rtiri bi preparazzjoni kemm għall-Kleru kif ukoll għall-insara tad-Djoċesi. Għalhekk l-Insara li riedu japprofittaw minn din it-tħejjija kellhom okkażjonijiet biżżejjed biex dan jagħmluh.

Issa li dħalna fi-sena tal-Ġublew l-insara tad Djoċesi għandhom okkażjoni oħra biex japprofittaw minn din il-grazzja kbira, kif qalilna l-Isqof fl-aħħar pastorali li bagħatilna għall-ftuħ ta' dan il-Ġublew: "L-insara ġenwini jafu li dan huwa żmien ta' grazzja speċjali, ta' konverżjoni, ta' ħniena liema bħalha u għalhekk qegħdin b'ħerqa jieħdu f'dak kollu li jsir biex jilħqu l-għan li għalih qiegħed jiġi ċċelebrat il-Ġublew il-Kbir".

**2. X'inhuma l-attivitajiet prinċipali li ħejja l-Kumitat Organizzattiv fuq livell Djoċesan u fuq dak Parrokkjali?**

L-attivitajiet prinċipali li ħejja l-Kumitat Djoċesan huma bosta kemm fuq bażi djoċesana kif ukoll fuq bażi parrokkjali. Peress li minħabba l-ispazju mhux possibbli li nsemmi l-attivitajiet kollha nixtieq nistieden lilek u lill-qarrejja tiegħek biex tagħti daqqa t'għajn lejn l-attivitajiet kif inhuma imniżżla fil-programm tal-Ġublew kif ippubblikat fl-Atti tal-Kurja Nru 203 (Ġunju/Lulju 1999) u dawk li qegħdin jidhru ma din il-ħarġa. Naturalment il-Kumitat li minnu nagħmel parti minn żmien għal żmien jagħmel aġġornament tal-programm kif ukoll ifakkar dwar attivitajiet jew ċelebrazzjonijiet partikulari.

**3. X'tistennew li jiksbu l-insara tad-Djoċesi minn dan il-Ġublew?**

Jiena naħseb illi barra l-frott spiritwali li wieħed għandu jikseb minn din il-

grazzja tal-Ġublew tas-sena 2000, l-insara għandhom jikbru u jimmaturaw aktar bħala nsara u jippreparaw ruħhom biex jilqgħu l-isfidi li t-tielet millennju jista' jkollu fuq il-ħajja tan-nisrani awtentiku.

**4. X'messaġġ tixtiequ tgħaddu lill-insara tagħna fl-okkażjoni ta' dan il-Gublew?**

Il-messaġġ li l-Kumitat Djoċesan tal-Ġublew jixtieq jwassal lill-insara tad-Djoċesi t'Għawdex huwa l-istess messaġġ tal-Knisja Universali. Il-Knisja qegħda tistieden lill-insara kollha biex ma joqogħdux lura u japprofittaw spiritwalment minn din is-sena tal-grazzja biex jitqaddsu aktar u jkunu dawl u xhieda ħajja ta' Kristu fid-dinja tal-lum.

## *L-Intervista lis-Sur Kevin Sciberras*

**1. Meta ġie mwaqqaf il-Kumitat taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Millennju u min huma l-membri tiegħu?**

Il-Kumitat tal-Millenju ġie mwaqqaf mill-Onor. Ministru għal Għawdex Giovanna Debono nhar is-7 t'April 1999. Il-Membri ta' dan il-Kumitat huma:
President: Onor. Ministru Ġiovanna Debono
Chairman: Kevin Sciberras
Segretarju: Charlie Zammit
PRO: Claudia Cassar
Membri: Mons. Lawrenz Sciberras, Vincent Grech, Noel Formosa, Paul Curmi, Fr. Charles Cini S.D.B., Mario Zammit, Paul Zahra, Vicky Anne Cremona.

**2. Fuq liema kriterji ġew imfassla ċ-ċelebrazzjonijiet?**

Wieħed mill-għanijiet prinċipali ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet huwa li niċċelebraw il-ħiliet tal-bniedem, jiġifieri li joħloq, jiżviluppa u jtejjeb l-għixien tiegħu u b'hekk isawwar ġrajjietu. Qegħdin niċċelebraw l-avvent ta' epoka ġdida, b'ħolm gdid, b'tamiet ġodda, b'fiduċja fil-bniedem - il-bniedem sħiħ.

Bħala Maltin u Għawdxin ser niċċelebraw il-wasliet tagħna lkoll u li wettaqna flimkien. Ser niċċlebraw il-fidi, il-valuri, is-solidarjetà li dejjem saħħewna fl-għażliet tagħna. Ser niċċelebraw il-vjaġġ tagħna mill-ħakma tal-barrani għall-għarfien ta' identità nazzjonali. Ser niċċelebraw il-qsim tal-ħsieb tagħna mal-komunitajiet internazzjonali. Mhux biss biex inservu ta' pont ta' djalogu li jqarreb flimkien kulturi diversi iżda wkoll biex nippropagaw inizjattivi li jservu ta' ġid komuni għall-wirt komuni tal-bniedem u l-proposta dwar id-dmir tagħna lkoll li nikkonservaw u ngħaddu l-wirt kollu tal-lum lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

**3. X'inhuma l-attivitajiet prinċipali li ġew imfassla? X'sar s'issa u x'ser isir fix-xhur li ġejjin? X'tip ta' komunikazzjoni qed isir biex l-Għawdxin isegwu l-attivitajiet li hemm imħejjija?**

Qed nenfasizzaw li l-attivitajiet u l-inizjattivi għandhom jinġabru fi tliet kategoriji: espressjonijiet mumentarji, proġetti li jibqgħu u inizjattivi li jkomplu. Bħala binja għal dan l-avveniment aħna ħsibna li norganizzaw attivitajiet bħall-Ġgantija Festival u d-Dwejra Festival. Nhar









is-7 ta' Settembru 1999, permezz ta' Quddiesa u ċerimonja simbolika, tajna bidu uffiċjalment għall-attivitjiet tal-Millennju f'Għawdex. Saret il-Festa Kappelli u aktar tard il-Festa Korijiet. Bla dubju ta' xejn il-qofol ta' dawn il-festi intlaħaq matul ix-xahar ta' Diċembru fejn, barra li permezz ta' dawn l-attivitajiet sellimna lill-Millennju li spiċċa u lqajna lill-Millennju l-ġdid, fakkarna wkoll il-25 sena ta' Malta Repubbblika. Sabiex intejbu l-komunikazzjoni waqqafna sotto-kumitat apposta li jieħu ħsieb li jtella' programm fuq radju lokali dwar l-attivitajiet u li joħrog fuljett li jitqassam mas-*Sunday Times*, darba kull tliet xhur. Barra minn hekk, f'attivitajiet ta' ċertu kobor jitqassam *leaflet* f'kull dar Għawdxija.

**4. X'importanza qed jagħti l-Kumitat tal-Millennju lill-aspett ta' kultura reliġjuża fiċ-ċelebrazzjoniet?**

Aħna nemmu li dawn huma ċelebrazzjoniet li jfakkru l-elfejn sena ta' Kristjaneżmu, għalhekk nagħtu mportanza lil dan l-aspett. Barra minn hekk, nemmnu wkoll li l-patrimonju kulturali u reliġjuż fil-gżira tagħna huwa wieħed importanti ħafna. Għalhekk ħadna ħsieb li f'kollaborazzjoni mad-Djoċesi t'Għawdex norganizzaw attvitajiet simili li nissensibilizzaw lill-poplu tagħna anke dwar dan l-aspett importanti ħafna. Kif semmejt qabel, fost l-oħrajn organizzajna l-Festa Kappelli li kienet ta' suċċess kbir.

**5. X'inhu l-messaġġ u l-appell li tixtiequ twasslu lill-Għawdxin u lill-barranin li ser ikun hawn fostna għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet?**

L-appell tagħna huwa wieħed. Huwa tajjeb li niċċelebraw, din hija okkażjoni unika li tajjeb napprofittaw ruħna minnha sabiex, filwaqt li napprezzaw dak li għamlu ta' qabilna, inkomplu nkabbru u napprezzaw aktar l-identità tagħna li tagħmilna Maltin u Għawdxin.


***SCERRI PHOTO STUDIO***

***52, Palm Str. Victoria, Gozo. Tel. 553654***

- **1 Hour Film DEVELOPING & PRINTING**
- **FREE Film**
- **Professional Photography in Video & Flash for all Occasions**
- **Albums, Frames, Cameras**
- **Audio & Video Tapes**
- **COLOUR SEPARATIONS** ***(No more need to go over to Malta)***
- **Digital Scanning**
- **Poster Design**
- **Magazine Layout**
- **Photocopy Service**

Arkivju Nazzjonali Għawdex

**Għawdex 300 sena ilu**

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 81**

*Riċerka ta'* **Joseph Bezzina** ©2000

# QANPIENA ĠDIDA GĦAL MĠARR IX-XINI



*Għad-disa' sena konsekuttiva qegħdin noffru lill-qarrejja ta'* Il-Ħajja f'Għawdex *ir-rubrika dwar Għawdex fil-qedem, iżda b'differenza. Tul l-aħħar tmien snin ġibna dokumenti ta' 400 sena ilu, din is-sena se nġibu dokumenti ta' tliet mit sena ilu, meħudin bħal ta' qabel mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex. Ir-raġuni ta' din il-bidla hi li fl-Arkivju ta' l-*Universitas *m'hemmx dokumenti tal-1600. Id-dokumenti huma, bħas-snin ta' qabel meħuda mill-*Acta *ta' l-*Universitas, *il-Gvern Amministrattiv ta' Għawdex.*

*Hu maħsub li 'l quddiem dawn il-paġni jkunu stampati fi ktieb.*

Il-wieħed u tmenin dokument li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar qanpiena ġdida li f'Jannar ta' l-1700 - tliet mit sena ilu - tqiegħdet fit-Torri ta' Mġarr ix-Xini. Hu dokument ta' diversi ħlasijiet li jinsab reġistrat fit-tmien volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas* ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530-1798), manetta (1699-1700), folju 27v (NAG,UG, *Acta*, 8/ 1699-1700, f.27v).

It-Torri ta' Mġarr ix-Xini nbena fis-sena 1661. Inbena bil-flus ta' l-*Universitas*, li kienet ukoll responsabbli minn kull tiswija meħtieġa u għall-paga tal-għassies tat-torri li kien jagħmel l-għassa erbgħa u għoxrin siegħa kuljum. It-torri kien mgħammar bl-artellerija kollha meħtieġa mill-Kavallieri. Kienu wkoll responsabbli mill-bumbardiera, iżda ma kinux tal-fiss fit-torri. It-Torri ta' Mġarr ix-Xini kien f'pożizzjoni strateġika ħafna, biswit it-torri ta' Kemmuna. B'hekk minn fuq dan it-torri setgħu jintbagħtu messaġġi bin-nar jew bl-isparar lill-għassiesa ta' hemm.

Id-dokument li qegħdin nippubblikaw hu dwar ħlasijiet magħmula meta f'Jannar 1700 tqegħdet fit-torri qanpiena ġdida. Din li ġejja hi traksrizzjoni tad-dokument:

**Più scudo uno e tarì tre alli infrascritte persone, cioe:**

**Ad Agostino di Cace burdnaro per haver portata dalla Torre di Miggaro scini nella Banca Gubernatoriale la campana vecchia di essa e quella riporta al scale del Miggaro e riportata la nova in detta Torre tarì quattro;**

**A burdnaro Michele Dandalina per nolo di essa campana porta e riporta tarì due;**

**Alli burdnari in Malta per portare e riportare dalla Marina alla fundaria tarì uno;**

**ed a Mastro Lazzaro Vella ferraro, tarì quattro;**

**per il buttaglio di essa campana, per la traversa di legno, e suo anello, tarì tre;**

**e tarì uno per la corda per detta campana.**

Jiġifieri:

Erba' irbiegħi lill-burdnar Agostino di Cace talli ġarr il-qanpiena l-qadima mit-torri sal-Banca tal-Gvernatur u minn hemm niżżilha l-Mġarr u imbagħad mill-Mġarr ġarr il-qanpiena l-ġdida għat-torri;

Irbigħin għan-noll tal-burdnar Michele Dandalina li ġarr il-qanpiena lejn Malta u ġieb il-ġdida;

Irbigħi lill-burdnara ta' Malta li ġarrew il-qanpiena l-qadima mill-Marina tal-Belt sal-fonderija, u l-qanpiena l-ġdida mill-fonderija għall-port, dik il-parti msejħa Il-Barriera;

Erba' irbiegħi lil Mastru Lazzaro Vella, ħaddied, għal xi xogħol fuqha;

Tliet irbiegħi għall-ilsien tal-qanpiena, għat-travu tal-injam tagħha, u għall-ħolqa ta' l-ilsien;

Irbiegħi għal ħabel biex bih jinġibed l-ilsien tal-qanpiena.

B'hekk it-tneħħija tal-qanpiena l-qadima u t-trasport u t-tqiegħed tal-ġdida sewa b'kollox skut u tliet irbiegħi. Din il-qanpiena kienet isservi għan-nafra, jiġifieri biex issejjaħ lin-nies tad-dejma għall-armi f'każ li jintlemaħ l-għadu riesaq lejn ix-xtut tal-gżira.






Anton F. Attard

# DRAWWIET TA' L-AĦĦAR U L-EWWEL TAS-SENA

Bosta huma d-drawwiet Għawdxin ta' l-aħħar u l-ewwel tas-Sena. Fl-antik fil-jiem mudlama tal-ħarifa u fl-aħħar tas-sena kienu jirreċtaw speċi ta' farsa popolari msejħa l-Qarinża.

**Il-Qarinża**

Ġemgħa ta' daqqaqa u għannejja, bħalma kienet l-orkestra tax-Xintiljuni tat-Triq tal-Għajn tar-Rabat, Għawdex, kienu joħorġu biex jixtiequ s-sena t-tajba lin-nies. It-tradizzjoni tal-Qarinża llum għebet għal kollox, imma din kienet drawwa qadima ħafna u żgur li kienet diġa' teżisti fis-sena 1603.

Dawk tal-Qarinża kienu jieqfu wara l-bieb u l-għannejja jibdew iqabblu u jħellu għana ta' tifħir li bih igħollu sas-sema t-tajjeb ta' kull min kien joqgħod f'dik id-dar. Dan kienu jagħmluh imbasta matul is-sena ta' qabel min kien ikun joqgħod f'dik id-dar kien ikun newlilhom xi ħaġa tal-flus, jew inkella b'xi mod kien ikun benefattur tagħhom. Għax jekk le, ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Kienu jikxfulek agħwarek man-nies kollha ta' l-inħawi.

Taqbila popolari tal-Qarinża kien din:

**"Ġejna tal-Qarinża wara biebek,**
**agħtina minn dak li għanek**
**u tiġi saltnatek."**

Il-mexxej tal-Qarinża, imsejjaħ is-Sultan, kien iżid igħid:

**"Is-sena għaddiet,**
**is-sena t-tajba,**
**is-sena bdiet,**
**għandna trajba**
**It-trajbu miet,**
**ifirħu,**
**il-Qarinża ġiet."**

Dan il-kliem kien jingħad għaliex tal-Qarinża kienu jġorru magħhom żewġ pupazzi tat-tiben, ta' mara u r-raġel.

Fis-sena 1942, mara xiħa miż-Żebbuġ lil Ġuże' Cassar Pullicino kienet tatu din it-taqbila:

**"Ġejna tal-Qarinża wara biebek,**
**agħtina minn dak li għanek;**
**Is-sena t-tajba u l-għatba mbajda!**
**bajjadhielek is-Sultan,**
**issa hu jrid xi ħaġa**
**ħalli jitma 'l dawk it-tfal."**

Taqbila, għandu mnejn aktar antika kienet tibda hekk:

**"Qarniż, qarinż qarinż,**
**ġejt nitolbok wara biebek,**
**ara titfixkel fl-imnara**
**tagħmel disa' ħabbiet ħsara..."**

Fis-sena 1921, is-Surmast ta' l-Iskola tax-Xagħra, is-Sur S. Cremona, kiteb li ċertu Apap, li kien igħallem fl-istess raħal, kien igħid li jiftakar il-Qarinża ssir f'dan ir-raħal.

B'xorti ħażina, l-istudjużi tagħna meta jitkellmu fuq il-Qarinża, jsemmulna biss dak li ħallielna miktub De Soldanis dwar din it-tradizzjoni ta' l-aħħar tas-sena. Imma l-Qarinża f'xi rħula ta' Għawdex kienet żviluppat aktar minn hekk, għandu mnejn għaliex kienu żdiedu l-għaks u l-ġuħ.
X'kienet tkun il-Qarinża? Il-Qarinża kienet tkun bħal logħba tad-daħk irreċtata minn grupp ta' erbgħa min-

nies li kienu jgħixu bl-għakkarija u kienet issir f'postijiet differenti biex permezz ta' hekk jiddubbaw xi ħaġa ta' l-ikel. Kienet popolari f'bosta rħula ta' Malta u Għawdex u daqs mija u tmienja u tletin sena mil-lum (1999), kienet għadha tradizzjoni ħajja. Mhux magħruf kif bdiet, imma bħalma diġà għidt, billi fil-bidu kienet issir fl-aħħar tas-sena, aktarx kienet tfisser il-mewt tas-sena l-qadima.

Qabel xejn irridu nżommu quddiem għajnejna li dari l-ħajja fir-raħal kienet tassew kwieta billi la kien hawn trasport, la każini u lanqas postijiet oħra ta' divertiment. L-irħula kienu maqtugħin għalihom u l-ħajja kienet monotona. "Dejjem l-istess", kienu jgħidu l-antenati tagħna. Allura n-nies kienet toħloq hi stess dawk l-attivitajiet li jferrħu u jserrħu ftit jew wisq lil dawk kollha li ma kellhomx fejn imorru wara jum xogħol iebes ħlief f'xi ħanut ta' l-inbid.

Fost dawn l-attivitajiet tan-nies ta' dari kien hawn il-logħob tal-karti, il-qożża, il-morra, il-ġlied tal-klieb, il-brilli, il-boċċi u l-Qarinża. Il-Qarinża kienet issir fil-ħarifa, meta l-ġranet jiqsaru sew u jibda jidlam kmieni. Aktar ma toqrob l-aħħar tas-sena, aktar issir ta' spiss. Kienu jagħmluha u jaħdumha grupp ta' erbgħa min-nies, imsejħin hekk:

1. Il-Missier; 2. L-Omm (din kienet tkun raġel liebes ta' mara); 3. L-Iben; u 4. Il-Biċri - dan kien dak li jiġbor ir-rigali. Issa dawn l-erbgħa rġiel kienu joħorġu jduru mar-raħal b'folla nies ferħana tiġġerra warajhom, u jmorru jħabbtu l-bieb ta' xi forn, ħanut, inkella dar ta' xi ħadd li jafuh. Fil-waqt li jkunu jħabbtu l-bieb, jibdew igħannu kollha f'daqqa, waħda minn dawn it taqbiliet:

**"Qum, Ġann, qum**
**għax il-baqra marret l-irdum,**
**marret għand Kurun,**
**u dak joqtolha żgur!"**

jew
**"Qum, Fortun, qum,**
**għax il-mogħża marret l-irdum,**
**fil-għalqa ta' Kurun,**
**u żgur tikollu l-ful!"**

L-ismijiet "Fortun" u "Kurun" huma ismijiet komuni u popolari fix-Xagħra, iżda flokhom jistgħu jingħadu oħrajn.

Meta l-bieb jinfetaħ, tal-Qarinża u n-nies kollha l-oħra jidħlu ġewwa. Issa l-Missier jibda jgħid il-ġrajja ta' ħajtu, u n-nies jifthu widnejhom sewwa biex jisimgħu x'għandu xi jgħid.
L-istorja li jgħid, bejn wieħed u ieħor, kienet tkun dejjem l-istess, imma hu jagħmel kulma jista' biex iżejjinha, iżewwaqha u jħawarha b'ħafna kliem sabiħ u li jolqot l-immaġinazzjoni tan-nies. Il-punti li fuqhom kienet tinbena l-istorja kienu tradizzjonali:
- kemm iqum kmieni fil-għodu għax-xogħol,
- kemm, minkejja dan kollu, il-mara ma kienet xejn tirrispettah u tieħu ħsiebu, u ma tħobbux,
- iżda kienet mitlufa biss wara t-tifel.

Hawnhekk, il-Missier juri li għandu għira kbira għal ibnu u jrid b'xi mod jeħles minnu. Wara ħafna tħammim, iġiegħlu jimtedd għal mejjet fuq xi tapit jew ħasira fl-art, inkella fuq xi sodda jew kanapè. Imbagħad jibda jgħidlu:

**"Ejja naqtgħulu idejh barra!**
**Lil min triduni ntihom?"**

In-nies iwieġbu flimkien bid-daħka:

**"Tihom lil Karistu**
**għax għandu bżonn tnejn,**
**miskin kemm xjieħ,**
**tiegħu bla saħħa u ma jiswewlu xejn!"**

Naturalment, flok Karistu jistgħu jingħadu ismijiet oħra.

Issa l-Missier ikompli jqassam il-partijiet kollha tat-tifel b'din il-kantaliena, fost id-daħk tan-nies, sakemm ma jibqa' xejn minnu.

Fil-għana jibdew jissemmew ismijiet ta' nies li jkunu hemm dak il-ħin. Iżda mhux kulħadd jieħu l-affarijiet biċ-ċajt. Ħafna drabi xi wieħed qanżħa malajr kien jieħu għalih jekk igħidulu, per eżempju, li saqajh m'għadhom jiswewlu xejn u jqajjem storbju. Hekk, mhux darba u tnejn il-Qarinża kienet tibda bid-daħk u ċ-ċajt u tispiċċa bil-ponnijiet u d-daqqiet tas-saqajn fejn ġie ġie u x-xenxil tax-xagħar.

Min-naħa tiegħu l-Missier jibqa' aħrax sa l-aħħar u jgħid il-biċċiet tat-tifel ma jiswew għal xejn u tajbin biss għall-klieb. Hekk il-Qarinża tkun waslet fit-tmiem u l-Biċri jqum biex jiġbor ir-rigali mingħand dak li jkun laqgħuhom. Dawn kienu jkunu affarijiet ta' l-ikel bħal ħobż, bajd, ġobon, frott u hekk. Imbagħad joħorġu 'l barra biex imorru jagħmlu l-Qarinża x'imkien ieħor ħalli jiġbru affarijiet biżżejjed biex jagħmlu ikla tajba.

Tal-Qarinża mhux dejjem kienu jkunu l-istess. Aktarx li minn lejl għal ieħor kienu jinbidlu, billi dari kien hawn il-faqar u bosta nies kienu jgħixu bl-għakkarija. B'dan il-mod kulħadd seta' jmiss xi ħaġa u jgawdi kulħadd.

Il-Qarinża saret għall-aħħar darba f'Għawdex għax ġara li dak li kien qiegħed jagħmilha ta' mejjet, miet veru. Hekk spiċċat minn fostna tradizzjoni antika li kienet

ilha ġejja għandna minn ħafna u ħafna snin.



## L-Istrina

L-1 ta' Jannar jimmarka l-bidu tas-sena. F'Għawdex hawn id-drawwa li f'nofs il-lejl jisparaw il-murtali bħala salut għas-sena l-ġdida. Bniedem li kien iħobb ħafna dan is-salut kien Pawlu Portelli tal-Lingi li kien jisparah mill-ġnien tal-Lukanda tiegħu "Duke of Edinburgh" li llum għalqet. Dan il-jum ta' l-ewwel tas-sena jissejjaħ l-Istrina. In-nies jixtiequ lil xulxin is-sena t-tajba. Dwar dawn ix-xewqat għandna din it-taqbila:

**Is-sena t-tajba**
**u l-għatba mbajda,**
**bajjadhielek is-Sultan,**
**tiħ xi ħaġa karità**
**ħalli jitma 'l dawk it-tfal,**
**flok tiġieġa tiħ dundjan.**

Din it-taqbila tfakkarna fid-drawwa ta' dari meta fl-ewwel tas-sena kienu jbajdu l-egħtiebi tad-djar bil-ġir bħala għelm ta' xewqat ta' riżq tajjeb għas-sena l-ġdida. "Is-Sultan" kien il-laqam ta' dak ir-raġel li kien idur ibajjad l-egħtiebi tad-djar tar-Rabat ta' Għawdex biex imbagħad jiddobba xi ħaġa għall-familja.

Fl-ewwel tas-sena t-tfal kienu jiddubbaw xi ħaġa tal-flus mingħand il-qraba u l-ħbieb. Kienu jitolbu lil kulħadd biex jagħtihom l-Istrina. Jekk dak li jkun jinzerta ta' ġewwa, it-tifel jiddobba xi ħaġa mhux ħażin. Jekk le, jiddobba wkoll, imqar ftit. Min ma jagħtix flus fl-istrina, kien ikun magħruf bħala xħiħ u fis-sena l-ġdida jista' ma jmurx tajjeb.

Grupp ta' daqqaqa tal-banda kienu jmorru jdoqqu xi biċċa mużika jew xi kanżunetta popolari wara l-bibien tas-sinjuri biex imbagħad jiddubbaw xi grokk ta' l-ewwel tas-sena u xi ħaġa tal-flus. U kienu jibqgħu jdoqqu sakemm is-sid jifthilhom!

Ma' l-ewwel tas-sena hemm marbuta wkoll il-qagħqa tal-għasel, għelm ta' l-eternita': għax billi tonda la fiha bidu u lanqas tmiem.

B'xorti ħażina ħafna mid-drawwiet li semmejna llum spiċċaw, u flokhom daħlu d-discos, il-parties u l-ikliet ta' l-ewwel tas-sena.

## LIBSA ĠDIDA GĦAL "IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX"

*Kif qegħdin tinnutaw, din il-ħarġa tar-rivista tagħna "Il-Ħajja f'Għawdex" issa għandha libsa ġdida. Kienet xewqa kemm tal-Bord Editorjali kif ukoll ta' diversi sostenituri tar-rivista, li għas-sena 2000 ir-rivista tagħna nagħtuha dehra isbaħ u iktar attraenti, kif jixraq lil rivista Djoċesana. Kif jaf kull min segwiena matul ix-xhur li għaddew, fir-rivista żdiedu kontribuzzjonijiet ta' kittieba magħrufa fil-kamp tagħhom, ittejbet ħafna fil-preżentazzjoni, u ħarġet dejjem fil-bidu tax-xahar. Dan kien sforz kollettiv ta' diversi persuni li nixtieq f'isem il-Bord nroddilhom ħajr.*

*Grazzi għalhekk lill-kontributuri tagħna kollha li jagħtu is-servizz tagħhom b'ġenerożità kbira u mingħajr l-ebda interess personali. Grazzi partikulari lill-kollegi l-aktar viċin tiegħi: L-Editur Dun Anton Dimech, l-Amministratur Dun Anton Sultana li jieħu ħsieb l-amministrazzjoni u l-pubbliċità fir-Rivista, lil Dun Ġwann Sultana li jieħu ħsieb jippreżenta l-materjal u jlestih għall-istampa, lil Dun Giovanni Curmi li jieħu ħsieb il-korrezzjonijiet, u l-Ispigolatrici li jieħdu ħsieb il-posta tar-rivista.*

*Grazzi ukoll lil dawk l-istabilimenti u ditti li jgħinu lir-Rivista permezz tal-pubbliċità, lil dawk li jgħinu fil-preżentazzjoni grafika fosthom Joe Xuereb, u lill-istampaturi tagħna, il-Gozo Press. Grazzi fuq kollox imur lill-Isqof tagħna l-Eċċ. T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi ta' l-inkorraġġiment u ta' l-għajnuna li f'isem id-Djoċesi joffrilna kull sena. Fl-aħħarnett grazzi lis-sostenturi kollha tagħna, speċjalment lil dawk li jieħdu ħsieb il-ġbir ta' l-abbonamenti, u lilkom għeżiez qarrejja ta' l-interess u l-inkuraġġiment tagħkom. Il-Mulej ibierek il-ħidma tagħna lkoll.*

*Dun Eddie Zammit*
*Chairman tal-Bord*

# IT-TIELET KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN

***jikteb***

***Mons. Giovanni B. Gauci, Vigarju Ġenerali***







*Ritratti (minn fuq għal isfel): L-inawgurazzjoni tal-Wirja ta' xogħolijiet ta' l-istudenti dwar it-tema tal-Kungress: "Ibqa' magħna Mulej, fl-Ewkaristija". Laqgħa għall-Komunitajiet Ewkaristiċi. Is-Symposium Teoloġiku dwar l-Ewkaristija.*

Il-Kungress Ewkaristiku li ntemm nhar il-festa ta' Kristu Sultan kien it-tielet wieħed li nżamm fid-Djoċesi tagħna. L-ewwel Kungress Ewkaristiku kien inżamm fl-1929 fi żmien l-Isqof Mons. Mikiel Gonzi. Iż-żewġ Kungressi l-oħra saru fi żmien l-Isqof attwali, Mons. Nikol Ġ. Cauchi. Kellna l-Kungress ta' l-1979 u dak ta' din is-sena.

Dan it-Tielet Kungress Ewkaristiku beda b'konċelebrazzjoni nhar is-Sibt 13 ta' Novembru, fil-Katidral. Ippresieda u għamel l-omelija E.T. Mons. Luigi Gatti, Nunzju Apostoliku għal Malta. Man-Nunzju Apostoliku kkonċelebraw ukoll Mons. Isqof Cauchi u madwar sebgħin saċerdot ieħor mid-Djoċesi. Il-ġurnata tas-Sibt 13 ta' Novembru, jiġifieri dik tal-ftuħ uffiċjali tal-Kungress, kienet waħda tassew xitwija. Għal xi mumenti konna dubjużi jekk il-vapur kienx ser jaqsam bejn Malta u Għawdex: dan kien ifisser il-preżenza jew l-assenza tan-Nunzju Apostoliku. Barra minn hekk, ix-xita kompliet nieżla sewwa matul il-ġurnata u kmieni wara nofsinhar għamlet ħalba ġeneruża ħafna. Madanakollu kellna biżżejjed ħniena mit-temp biex stajna nagħmlu dik il-funzjoni tal-ftuħ b'attendenza sabiħa ħafna fil-Katidral.

Għalkemm dan kien il-ftuħ uffiċjali tal-Kungress Ewkaristiku, kien hemm attivitajiet oħra li twettqu qabel, kemm fuq bażi djoċesana kif ukoll fuq livell parrokkjali. Bi tħejjija għall-Kungress kellna pellegrinaġġ għas-Santwarju Ta' Pinu nhar l-Erbgħa 6 ta' Ottubru. Mat-triq lejn is-Santwarju ingħad ir-Rużarju u mbagħad saret konċelebrazzjoni fis-Santwarju. Mons. Isqof mexxa kemm il-pellegrinaġġ kif ukoll il-konċelebrazzjoni. Fl-omelija tiegħu, fost ħwejjeġ oħra fisser l-għan tal-pellegrinaġġ kif ukoll l-iskopijiet tal-Kungress Ewkaritiku Djoċesan.

Attivitajiet oħra bi tħejjija għall-Kungress inżammu fil-parroċċi. Kien hemm sigħat ta' adorazzjoni komunitarji, kif ukoll konferenzi għal kulħadd dwar l-Ewkaristija.

Matul il-ġimgħa tal-Kungress, jiġifieri bejn it-13 u l-21 ta' Novembru, kien hemm bosta attivitajiet oħra. Ta' min isemmi l-omelija tal-Ħadd 14 ta' Novembru: fil-quddies kollu s-saċerdoti tkellmu dwar il-misteru tal-Ewkaristija. Okkażjoni oħra li fiha setgħu jitkellmu dwar dan is-Sagrament kienet dik tal-Ħadd 21 ta' Novembru, l-aħħar ġurnata tal-Kungress Ewkaristiku.

Laqgħat ta' talb b'diskorsi marbutin mas-suġġett prinċipali, jiġifieri l-Ewkaristija, inzammu għal diversi kategoriji. Ir-Reliġjużi ltaqgħu fis-Santwarju ta' Pinu nhar it-Tnejn 15 ta' Novembru. F'dik il-lejla kien hemm ukoll laqgħa oħra djoċesana għall-Komunitajiet kollha Ewkaristiċi: din il-laqgħa nżammet fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika u tmexxiet minn Mons. Isqof.

Laqgħat oħra fuq livell djoċesan inżammu għall-kumitati liturġiċi, għal-letturi u animaturi. Imbagħad kien hemm il-laqgħa għall-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija li lilhom ukoll ġie mġedded il-mandat tagħhom bħala ministri tal-Ewkaristija. Sadanittant fil-parroċċi kien isir il-quddies għall-anzjani u t-tqarbin tal-morda.

Saret attività partikolari għaż-żgħażagħ, organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana fil-Knisja Parrokkjali tal-Għasri; kien hemm ukoll iż-żjarat fl-iskejjel sekondarji, primarji u tas-snajja. Dawn iż-żjarat saru mill-Isqof u mill-Vigarju Ġenerali, li f'kull skola ċċelebraw il-quddiesa jew xi funzjoni Ewkaristika bis-sehem tal-istudenti u tal-għalliema tagħhom. Bl-għajnuna tar-*Religious Consellors*, fl-iskejjel kollha, primarji, sekondari u post-sekondarji, ġiet organizzata "*Eucharistic Day*" biex tingħata qima pubblika lill-Ewkaristija mill-istudenti.

Attività speċjali għal dan it-Tielet Kungress Ewkaristiku kien is-Symposium Teoloġiku li nżamm f'Dar Manresa. Ħadu sehem bosta kelliema, fosthom professuri u ex-professuri ta' Universitajiet barranin u ta' Malta; ma' dawn inżidu wkoll lil dawk li huma għalliema fis-Seminarju Maġġuri tagħna.

Id-diskorsi li saru kienu ta' livell għoli u hemm il-ħsieb li dawn jiġu ppublikati fir-rivista li ser tibda toħroġ mis-Seminarju Maġġuri tad-Djoċesi Għawdxija. Dak li kien interessanti wkoll kienet









***Mumenti mill-Għeluq tat-Tielet Kungress Ewkaristiku Djoċesan nhar il-Ħadd 21 ta' Novembru 1999***

l-attendenza minn fost il-kleru u l-lajċi. Għalhekk is-Symposium kien mifrux bejn wara nofs-in-nhar tal-Ġimgħa u nofs ta' nhar ta' filgħodu tas-Sibt, b'sessjonijiet twal mhux ħażin; madankollu l-attendenza kienet waħda sodisfaċenti.

It-tmiem tal-Kungress kien il-Ħadd 21 ta' Novembru, Solennità ta' Kristu Sultan. Filgħodu nżammet konċelebrazzjoni Pontifikali fil-Katidral, kif soltu jsir f'din il-festa. Wara nofs in-nhar għadd sabiħ ta' nies mill-parroċċi tad-Djoċesi nġabru f'Misraħ Indipendenza fejn tpoġġew bukketti ta' fjuri f'riġlejn l-istatwa ta' Kristu Re; imbagħad beda l-korteo minn din il-pjazza għall-Kumpless Sportiv.

Fil-GYM kien hemm imħejji programm imżewwaq ħafna, bis-sehem taż-żgħażagħ li ħadu ħsieb janimaw il-mima u l-kant, kant ġdid u sabiħ li ta' kull sena jiġi mħejji mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ. Kollox mexa fuq il-programm li kien stampat ukoll f'librett tal-okkażjoni. Mons. Isqof wassal il-messaġġ tiegħu u ngħatat il-Barka Sagramentali.

U issa x'ser jibqa' minn dan il-Kungress? Xi frott se jħalli dan it-Tielet Kungress Ewkaristiku tad-Djoċesi Għawdxija? Mistoqsijiet bħal dawn żgur li jsiru. Uħud jagħmluhom bit-tama, ... oħrajn b'sens negattiv ukoll. Imma domandi bħal dawk nistgħu nagħmluhom għal tant u tant inizjattivi oħra! Li sar il-Kungress Ewkaristiku, li ħafna ssagrifikaw b'xi mod u b'xi kejl lilhom infushom..., dan quddiem Alla għandu l-valur tiegħu. Il-Kungress kien grazzja, iżda kemm ġid se tħalli warajha dik il-grazzja mogħtija minn Alla jiddependi minna: daqskemm aħna nkomplu mal-grazzja, daqskemm nikkoperaw mal-ħidma tal-grazzja, daqskemm nagħmlu l-parti tagħna ... daqstant kotran ikun il-frott tal-grazzji mogħtija minn Alla. Mela, jekk il-Kungress Ewkaristiku ġie u mar ... u inti tħossok li bqajt fejn kont, ma ħadt ebda ġid minnu, ara intix tagħmel bħal dak ir-raġel tal-Vanġelu: irċieva t-talent mingħand sidu ... imma ma swielu t'ebda ġid, ħeba t-talent ... radam il-grazzja u ssiġilla l-art hekk li ż-żerriegħa tal-grazzja ma setgħet tfeġġ minn imkien! Dan żgur li baqa' bla frott!

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

*EHILSU MILL-QILLA TAX-XEMX*
*U SEBBHU T-TWIEQI TAGHKOM*

**GOZO VERTICALS, BLINDS & SHADES LTD.**

*ta' TONY CAMILLERI*

*FEJN ISSIBU VARJETÀ KBIRA TA'*
**BLINDS U SHADES TA'**
**MATERJAL, ALUMINIUM U PLASTIC**

*PREZZIJIET RAĠJONEVOLI*

*Għal aktar tagħrif*
*Ċemplu* 553352, 562211 Fax 562211 Mobile 099 5001.
*jew irrikorru* N.B. Cocco Palmeri Street, Nadur, Għawdex.

# QEGĦDIN FIS-SENA TAL-ĠUBLEW

... u issa x'ser nagħmlu? *riflessjonijiet minn A.C.M.*



• **PROPONIMENT SOD**
"Inqum u mmur għand Missieri" (Lq 15,1-8)

Kristu : x'jiswielu l-bniedem jekk jikseb kollox u mbagħad jitlef ruħu? (Lq 9,28)

## *SKOP TAL-ĠUBLEW*

• **ISAĦĦAĦ IL-FIDI**
- naqraw il-Bibbja
- insiru nafu aktar il-Katekiżmu tal-Knisja
- nieħdu sehem aħjar fil-Liturġija, speċjalment fil-Quddiesa

• **IQAWWI T-TAMA TAGĦNA** f'Alla u fil-ħajja ta' dejjem

• **IKEBBES IMĦABBITNA** lejn Alla u lejn għajrna

## *IL-FROTT TAL-ĠUBLEW*

**Nagħtu xhieda tal-Fidi**
Inkunu koerenti – jiġifieri ngħixu kif nemmnu fil-ħajja personali, fil-familja, fuq ix-xogħol, fis-soċjetà u fil-parroċċa.

**Inwettqu Opri ta' Ħniena**
favur il-morda, anzjani, nies weħidhom, nies b'diżabilità, u ħutna kollha fil-bżonn għax Kristu jinsab preżenti fihom.

## *KIF NIĊĊELEBRAWH IL-ĠUBLEW?*

• **EŻAMI TAL-KUXJENZA**
1. X'jien nagħmel b'ħajti?
2. Għalfejn qed ngħix?
3. Jien Nisrani bil-fatti?
4. Il-Fidi tiegħi ħajja?
5. Kif nitratta lil għajri?

• **INDIEMA SINĊIERA**
"Mulej aħfirli. Jiena midneb." U l-indiema tnissel Ferħ u Paċi tal-qalb.

## *FLIMKIEN MA' MARIJA*

"O Marija, Omm il-Feddej li 2000 sena ilu offrejt lid-dinja lil Ibnek Ġesù, orjenta u mexxi lid-dinja tat-Tieni Millennju lejn Kristu li hu l-veru dawl tad-dinja".
*Papa Ġwanni Pawlu II*

## *SENA EWKARISTIKA*

"Is-sena 2000 għandha tkun sena intensament Ewkaristika."
*Papa Ġwanni Pawlu II*

**INPOĠĠU L-EWKARISTIJA FIĊ-ĊENTRU TA' ĦAJJITNA!**

3 rigali sorpriża lill-abbonati

# Ir-Rigali u r-Rebbieħa għax-Xahar ta' Diċembru 1999

**L-Ewwel Rigal: Sett ta' 3 twaġen "Olimpia" u miżien tal-kċina "Kologn",** li flimkien fihom valur ta' Lm20, ġentilment offruti minn benefattur tar-rivista. Dan ir-rigal mess bix-xorti lill-abbonata bin-numru 763:

**Ġużeppa Xuereb, 4, Triq Fawwara, Għajnsielem.**

**It-Tieni Rigal: Kaxxa ta' 12-il flixkun "Gozo Wine",** ġentilment offruta mis-**Sur E. Vella ta' "Velsons"**, Mġarr, Għawdex. Dan ir-rigal mess bix-xorti lill-abbonata bin-numru 363:

**Frances Cini, 72, Triq Għajn Melel, Żebbuġ, Għawdex.**

**It-Tielet Rigal: Photo Frame** 10"x8" tal-kawba, ġentilment offrut minn **B. Muscat ta' J.&B. Supermarket** tal-Qala. Dan ir-rigal mess bix-xorti lill-abbonata bin-numru 178:

**Ġorġa Camilleri, 9, Triq ir-Ramla, Nadur.**

**Il-kartolina tal-Ħajt ta' Berlin** fost dawk li ġeddu l-abbonament f'Novembru 1999 messet bix-xorti lil **Rev. Kan. John Sant, 8, Triq Santa Marija, Tarxien, Malta.**

Ir-rebbieħa jridu jiġbru r-rigali tagħhom sa' l-aħħar ta' Jannar 2000 mil-"*Lumen Christi Bookshop*", Victoria, billi jippreżentaw l-*Identity Card* tagħhom personali.

**Ir-rebbieħa jitilfu kull dritt għar-rigali jekk ma jiġux jiġbruhom sa l-aħħar tax-xahar.**

***Dun Anton Sultana, Amministratur***

MARIO DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
*Appointments for*
*EYE TESTING / EXAMINATION*
*by the Latest Computer Technology*
*and Eye Specialists*
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

# IS-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD

Xerri l-Bukkett

*Bar*
*Restaurant* *Pizzeria*
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
**Tel. 553500**




# L-INDULĠENZA TAL-ĠUBLEW

**X'inhu l-Ġublew?** Il-Ġublew m'hu xejn għajr indulġenza plenarja, mogħtija b'solennità ikbar missoltu. L-indulġenza hi l-maħfra quddiem Alla tal-piena taż-żmien għad-dnubiet, li l-ħtija tagħhom hi diġa' maħfura. In-nisrani, dispost kif għandu jkun u taħt ċerti kundizzjonijet, jakkwistaha bl-intervent tal-Knisja, li bħala ministru tal-fidwa, tqassam u tapplika b'awtorità t-teżor tal-merti ta' Kristu u tal-Qaddisin (ara kan. 992)

## *Il-kundizzjonijet meħtieġa*

L-indulġenza tal-Ġublew hi ndulġenza plenarja (maħfra tal-piena kollha taż-żmien). Tista' tkun applikata b'suffraġju għall-erwieħ tal-mejtin: hekk wieħed jagħmel att mill-aqwa ta' karità. F'ġurnata, indulġenza plenarja waħda biss tista' tintrebaħ. Biex wieħed jirċievi għalih innifsu jew japplika għall-mejtin l-indulġenza plenarja jrid:

1. ma jkunx ilu li qerr;
2. jieħu sehem fl-Ewkaristija dakinhar stess li jagħmel l-opra preskritta biex jirbaħ l-indulġenza;
3. jitlob skond il-fehma tal-Papa, biex b'hekk jixhed l-għaqda tiegħu mal-Knisja;
4. iwettaq l-opri ta' karità u penitenza, hawn isfel imsemmija.

L-insara jistgħu jiksbu l-Indulġenza tal-Ġublew, mhux biss f'Ruma u fl-Art Imqaddsa, iżda wkoll fit-territorji l-oħra u f'kull post.

## *L-opri ta' karità u penitenza*

L-indulġenza tal-Ġublew tintrebaħ billi wieħed:

1. jagħmel pellegrinaġġ lejn il-Katidral jew lejn waħda mill-Knejjes parrokkjali t'Għawdex, jew lejn is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, u hemm jassisti b'mod devot għaċ-ċelebrazzjoni liturġika jew jagħmel xi opra ta' pjetà (eż. Via Crucis, Rużarju, *Akathistos*);
2. iżur, ma' oħrajn jew għal rasu, il-Katidral jew Ta' Pinu u hemm jgħaddi ħin jimmedita u fl-aħħar jgħid il-"Missierna", il-Kredu u xi talb lill-Madonna;
3. iżur, għal ħin twil mhux ħażin, persuni bi bżonn jew diffikultà (eż. morda, ħabsin, anzjani li jgħixu weħidhom, persuni bi bżonnjiet speċjali, eċċ.);
4. jagħmel għemejjel li juru b'mod prattiku u ġeneruż, spirtu ta' penitenza. Dan isir billi wieħed:

- jiċċaħħad ta' l-inqas għal jum sħiħ minn konsum bla bżonn (eż. mit-tipjip jew alkohol, jew billi jsum jew ma jikolx laħam skond ir-regoli ġenerali tal-Knisja u dawk tal-Konferenza Episkopali tas-17.12.1984);
- jagħti somma proporzjonata ta' flus lill-foqra;
- jgħin b'kontribuzzjoni lil opri reliġjużi jew soċjali (eż. għall-ġid tat-tfal abbandunati, żgħażagħ f'diffikultà, anzjani fil-bżonn, immigranti);
- jiddedika parti mhux ħażin tal-ħin liberu għal attivitajiet ta' ġid għall-komunità, jew għamliet oħrajn ta' sagrifiċċju personali. (Ara Penitenzerija Apostolika, *Dispożizzonijiet*, 29.11.1988)



## Dun Ġorġ Preca - 1

# Il-Bniedem, in-Nisrani, is-Saċerdot



Forsi lil Dun Ġorġ nassoċjawh mas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Però huwa aktar minn hekk. Dan il-qaddis djoċesan, mingħajr qatt ma kkritika lil ħadd, permezz tal-eżempju tiegħu biddel b'xi mod l-istorja ta' Malta. Mhux ta' b'xejn li nistgħu nsejħulu wieħed mill-persunaġġi l-kbar tas-seklu 20.

Huwa għex fi żmien meta kienet tirrenja l-injoranza spiritwali u reliġjuża. Biżżejjed li nsemmu li 75% tal-poplu kienu llitterati, jiġifieri la jafu jiktbu u lanqas jaqraw. Huwa għex fi żmien fejn il-qagħda tal-lajċi kienet li jaċċettaw b'għajnejhom magħluqa lill-Knisja, iżda kienu nieqsa mit-tagħlim. Dun Ġorġ, imnebbaħ mill-ispirtu t'Alla, induna li t-tagħlim tal-Knisja jrid jiġi mgħallem sewwa lil-lajċi għax kien hemm min se jqum u jopponieh fil-beraħ. Għalhekk huwa ħaseb biex jgħallem lil-lajċi tagħlim sod mibni fuq l-Iskrittura u t-tagħlim tal-Knisja.

Dun Ġorġ ma kienx bniedem rivoluzzjonarju. Dejjem obda għall-ordnijiet tal-Knisja. Infatti meta l-Vigarju Ġenerali ordnalu biex jagħlaq id-djar tad-duttrina huwa obda, iżda l-Kappillani ddefendewh. Mhux talli ma kienx jagħmel ħsara iżda kien jagħmel il-ġid. Għalhekk nistgħu nsejħulu profeta taż-żminijiet moderni.

Ir-risposta ta' Dun Ġorġ kienet waħda profetika qabel il-Konċilju Vatikan II. Huwa emmen fil-lajċi. Però huwa emmen f'lajċi li jkunu mgħallmin sewwa d-duttrina tal-Knisja filwaqt li jgħixu ħajja spiritwali soda. Minn din il-ħidma tiegħu ħarġet is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija li f'Malta hija magħrufa bħala M.U.S.E.U.M.

Bħala bniedem li għex qabel żmienu ma sabx kollox ward u żahar. Huwa ltaqa' ma' kritika minn fuq il-gazzetti, filwaqt li anke fil-Knisja kien hemm min ma fehmux biżżejjed. Iżda Dun Ġorġ kien konvint li "kollox ħiereġ mis-Santwarju Etern, jew b'ordni jew permess."

Mal-ħidma tiegħu bil-qrar, bil-priedki u bit-tagħlim huwa saqqa l-apostolat tiegħu permezz ta' ħajja spiritwali profonda. Infatti din il-ħajja intima ma' Alla mlietu b'kariżma li jidderieġi u jifhem aktar il-poplu ta' Alla.

Huwa ma kisibx popolarità billi xandar ħajja nisranija faċli. Kien bniedem prudenti ħafna u jifhem lil dawk li jmorru jieħdu parir minn għandu. Però ippriedka lil Kristu Msallab u li xi darba irridu nagħtu kont lil Alla ta' għemilna.

Dun Ġorġ miet nhar is-26 ta' Lulju 1962 fejn mar igawdi lil Alla li tant ħabb u ħadem għalih.

**Angelo Xuereb**



Nifirħu lil Dun Manwel Curmi, li ngħata l-Medalja "Ġieħ ir-Repubblika" nhar it-13 ta' Diċembru li għadda, mill-President tar-Repubblika Dr. Guido de Marco. Dan l-unur ingħata lil Dun Manwel bħala Direttur tal-*Caritas* f'Għawdex għal dawn l-aħħar 30 sena, u b'apprezzament għax-xogħol li wettaq fid-djar tal-Knisja: *Lourdes Home*, Dar Ġużeppa Debono, *St. Joseph Home*, Ċentru Persuni b'Diżabilità, ir-*Respite Centre* (li se jinfetaħ is-sena li ġejja), *Little Flower Day Centre* għat-tfal tal-ħaddiema, u xogħol ma' familji bi problemi serji.




# IR-RADDI U D-*DOLMENS*

## IR-RADDI FUQ IL-BLAT

Bla dubju ta' xejn, waħda mid-diffikultajiet li niltaqgħu magħhom fil-preistorja maltija hija n-numru kbir ta' raddi fuq il-blat li nsibu mferrxin madwar il-gżejjer Maltin. Dawn ir-raddi jiffurmaw linji parallelli twal kif ukoll qosra mħaffrin fuq il-blat mikxuf. Drabi nsibuhom qrib xulxin, oħrajn jaqsmu fuq xulxin. Bl-ingliż ġew imsejħin ***cart-tracks***, linji li kienu jintużaw għall-karettuni, li żgur ma setgħux jintużaw għalhekk. Id-distanza bejn radda u oħra tvarja u anki il-fond tagħhom ivarjaw, u dan jagħmilha kważi impossibli għal kull mezz ta' trasport li jimxi bir-roti li juża dawn ir-raddi. Hija ħaġa ċerta li dawn ir-raddi kienu jintużaw għal xi sistema ta' trasport, imma wieħed jistaqsi : f'liema żmien intużaw? X'tip ta' trasport kienu użaw? X' kienu jġorru fuqhom?

Dwar iż-żmien ftit għandna provi meta ntużaw, imma forsi il-provi li għandna huma biżżejjed biex itarrfulna xi ħaġa. F'xi postijiet fejn hemm dawn ir-raddi fuq il-blat insibu wkoll numru ta' oqbra ta' żmien puniku mħaffra eżatt fejn huma r-raddi. Dan ifisser li l-kontinwazzjoni tar-raddi hija maqtugħa bit-tħaffir ta' l-oqbra. Dan juri li l-kanali kienu diġà hemm meta tħaffru l-oqbra. Allura r-raddi huma eqdem mill-oqbra, li jfisser li huma preistoriċi. Ir-raddi ma jinsabux qrib il-bini tat-tempji imma jinsabu sew ħdejn irħula ta' Żmien il-Bronż. Dan jista' jittieħed bħala prova biżżejjed li ż-żmien ta' l-użu tar-raddi kien dak ta' Żmien il-Bronż.

X'tip ta' trasport kien jintuża? Diġà għidna li karrettuni bir-roti ma setgħux jintużaw f'dawn ir-raddi u anke xi tip ta' żlitti kien impossibbli li jiġru f'dawn il-kanali. Ġie ssuġġerit li kien jintuża tip ta' karrettun, li bħalu kienu jużaw il-bdiewa tagħna, imma kien ikun bla fus u bla roti. Fit- tarf ta' wara tal-lasti kienet tintrabat biċċa ġebla x'aktarx tal-qawwi biex din tiskiddja fir-raddi. Fuq quddiem kien ikun hemm il-bhima li tiġbed u fuq is-salib li jgħaqqad il-lasti flimkien kienet titqiegħed it-tagħbija jew persuni jew it-tnejn flimkien.

F'Għawdex dawn ir-raddi nsibuhom fuq ta' Ċenċ lejn ix-xifer fuq in-naħa ta' wara tal-lukanda Ta' Ċenċ, fix-Xlokk tax-Xewkija, fil-Lvant tar-raħal tal-Qala kif ukoll fid-Dwejra, bejn il-Qawra u t-Tieqa ż-Żerqa.

## ID-*DOLMENS*

***Dolmen*** huwa monument preistoriku magħmul minn ġebla ċatta kbira mqiegħda fuq numru ta' ġebel iżgħar li jkunu mibnija apposta.



*Wieħed mid-Dolmens li jinsabu fuq Ta' Ċenċ*

Fil-każ tal-gżejjer Maltin id-*dolmens* jistgħu jiġu maqsuma f'żewġ kategoriji. L-ewwel kategorija hi magħmula minn ġebla ċatta kbira li tgħatti kollox poġġuta fuq ġebel iżgħar imma jkun mibni wieqaf, li jvarjaw fin-numru, minn tlieta sa tmien ġebliet. Mill-istess kategorija nsibu wkoll li l-ġebla ċatta qiegħda poġġuta fuq ġebla waħda wieqfa fuq kull naħa. Għandna l-eżempji tad-*dolmens* f'ta' Blankas, il-Brolli u l-Ħaġra ta' Sansuna. Fit-tieni kategorija nsibu li l-ġebla ċatta tkun poġġuta fuq saffi ta' ġebel poġġuti fuq xulxin fejn jista' jkun hemm żewġ saffi jew aktar. F'dan il-każ il-ġebel dejjem jinbena orizzontali. Eżempji ta' dan l-istil għandna dawk ta' Misraħ Sinjura u tal-Bidni.

Il-ġebel użat biex inbnew dawn l-monumenti ma kienx maħdum imma mibni kif misjub. Fuq uħud mill-ġebel ċatt insibu kanali dritti u ħofriet tondi u rettangulari baxxi kif ukoll ħofriet li jinfdu min naħa għall-oħra tal-ġebla. Dawn kollha kellhom xi użu waqt il-kult tad-dfin. Kważi dejjem insibu numru ta' ***dolmens*** flimkien (f'ta' Ħammat insibu sebgħa; f'Wied Żnuber insibu aktar minn wieħed; f'Ta' Ċenċ insibu mill-inqas tlieta, tnejn imkissra u jidhru l-fdalijiet ta' oħrajn). Imma ġieli narawhom waħedhom bħal f'Misraħ Sinjura.

Taħt il-ġebla ċatta l-art kienet titħaffer iżjed 'l isfel biex il-kmajra tikber ftit aktar.

L-użu ta' dawn il-monumenti kien wieħed funerarju. Dan nafuh għax fl-1954 il-Professur J.D. Evans kien qed jistudja d-***dolmens*** ta' Ħammat fil-Magħtab, Malta u minn taħt wieħed minnhom kixef xi fuħħar li kien mimli bl-irmied tal-ħruq tal-mejtin. Il-fuħħar kien ta' żmien l-ewwel fażi ta' Żmien il-Bronż, dik taċ-Ċimiterju ta' Tarxien (2000-1500 q.K.). Id-***dolmen*** ma kienx l-uniku monument għad-dfin f'dak iż-żmien, iżda kienu jidfnu fit-tempji, taħt imniezel ta' ġebel mibnija forma ta' dahar ta' ħmar u anke qrib ***menhirs.*** Dawn il-forom ta' dfin differenti juru li kienu jeżistu strati differenti fil-ħajja soċjali ta' dak iż-żmien imbiegħed. Persuni jew gruppi li kienu ġejjin minn ċertu livell għoli fil-ġerarkija x'aktarx li kienu jindifnu fit-tempji u dawk li kienu ġejjin mill-klassi soċjali baxxa kienu jindifnu taħt id-***dolmens,*** taħt imniezel tal-ġebel jew qrib xi ***menhir.***

Id-***dolmens*** ta' Malta jixbħu ħafna dawk li jinsabu f'Otranto fir-Reġjun tal-Puglia, fl-Italja. F'nofs it-tielet millennju qabel Kristu kien hemm movimenti kulturali qawwija li bdew mill-Baħar Eġew u xterdu lejn il-Punent sax-xtut tal-baħar ċentrali tal-Mediterran. Dan il-moviment jista' jiġi nnutat fit-tixbieħ ta' fuħħar, monumenti u xogħol maħdum fil-għadam li nstabu fil-gżejjer tal-Baħar Eġew, fir-reġjun tal-Puglia fl-Italja, fil-gżejjer ta' Lipari, mal-kosta tal-Lvant ta' Sqallija u fil-gżejjer Maltin.

***Errata Corrige:***

*Fil-ħarġa ta' Diċembru li għadda, l-aħħar sentenza ta' paġna25 trid tinqara hekk:* Dan l-aktar li jidher ċar mill-iskavi li saru fit-Tempju ta' Taxien mill-arkeologu Malti Sir Temi Zammit. Fuq il-fdalijiet tat-Tempji nstabet strata ta' ħamrija sterili li turi li din akkumulat hemmhekk bil-mod il-mod bla ebda ndħil mill-attività umana. Imbagħad fuq din l-istrata nstabet dik li kien fiha l-fdalijiet tal-fażi taċ-Ċimiterju ta' Tarxien ta' Żmien il-Bronż

## Is-Sisien tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja

# 1. Il-Bniedem fis-Soċjetà

mill-E.T. Nikol G. Cauchi, Isqof t'Għawdex

Barra minn dak li tgħallem il-Knisja Kattolika, hemm diversi teoriji u sistemi oħra, li mhux f'kollox jaqblu mat-tagħlim tagħha, anzi fuq ħafna punti huma mbiegħda ħafna minnu u forsi wkoll opposti għalih. Iżda kollha kemm huma, kif ukoll il-Knisja jikkonċentraw l-attenzjoni tagħhom fuq il-bniedem, għaliex il-bniedem huwa ċ-ċentru ta' kull attività ekonomika, soċjali u politika. Il-mod kif wieħed jibni u jiżviluppa t-tagħlim soċjali tiegħu, jiddependi kważi totalment mill-kunċett li huwa jkollu tal-bniedem u tal-persuna umana. Għalhekk, nistgħu ngħidu li daqs kemm hemm opinjonijiet diversi dwar il-bniedem, daqshekk ieħor huma l-orjentamenti fundamentali fl-istudju u fir-riċerka dwar is-soċjetà; fi kliem ieħor, nistgħu ngħidu li s-soċjoloġija issegwi l-antropoloġija.

Min jaċċetta il-*viżjoni materjalistika* tal-ħajja, jirrendi l-bniedem għal determiniżmu bioloġiku, jiġifieri jaħseb li l-bniedem, bħall-annimali l-oħra, huwa imbuttat u determinat minn istinti u impulsi li mhux kapaċi jiddomina. F'din il-viżjoni li tiċħad il-libertà, hija miftuħa beraħ it-triq għal reġimi totalitarji.

Hemm oħrajn li għandhom *viżjoni duwalistika* tal-bniedem: fin-natura umana, huma mhux biss jiddistinwgu bejn il-ġisem u l-ispirtu, kif nagħmlu aħna, iżda jqisuhom bħala realitajiet separati. B'hekk tinqered l-armonija li għandu jkun hemm bejn l-element spiritwali u l-element materjali fil-bniedem. Tinħoloq fih dikotomija jew firda f'żewġ taqsimiet. Dan id-duwaliżmu nsibuh fl-ereżija tal-Manikej li għalihom ir-ruħ kienet ħaġa tajba u l-ġisem ħaġa ħażina. Insibuh ukoll fil-filosofija Karteżjana li tgħallem li fil-bniedem ir-ruħ hija kollox u l-ġisem sempliċi strument tagħha. Hemm żewġ estremi li ġejjin minn dan id-duwaliżmu u t-tnejn jistgħu jġibu konsegwenzi ta' ħsara fit-tagħlim u fil-prattika soċjali. Tista' ssir enfasi eżaġerata fuq ir-realtà spiritwali li teżisti fil-bniedem, bil-konsegwenza li ma jittieħdux f'konsiderazzjoni xierqa l-eżiġenzi materjali tal-bniedem konkret u tal-kondizzjonamenti li bihom huwa mdawwar. Jekk, min-naħa l-oħra, issir enfasi żejda fuq il-ħtiġijiet tal-ġisem bi preġudizzju għal dawk tar-ruħ, is-soċjetà titlef il-valuri spiritwali tagħha u l-viżjoni tad-destin etern tal-bniedem. Huwa żball li jixbaħ ħafna lil dak tal-materjalisti.

Skond it-tradizzjoni nisranija, li tissupponi mentalità biblika, hemm għaqda sostanzjali bejn l-element spiritwali u dak materjali fil-bniedem. Ir-ruħ ma hix l-istess ħaġa bħall-ġisem u l-anqas ma hija realtà li tevolvi minnu . Għalhekk ruħ u ġisem huma magħżulin minn xulxin, iżda f'din il-ħajja m'humiex mifrudin, anzi huma maħluqin għal xulxin. Sabiex tkun tista tissejjaħ umana, anki l-espressjoni l-iktar għolja tar-ruħ teħtieġ il-medjazzjoni tal-organiżmu, jiġifieri tal-ġisem.

### Il-bniedem skond it-tagħlim nisrani

Dan it-tagħlim itenni l-opinjoni li diġà kienet imxandra minn xi filosofi Griegi ta'

qabel Kristu, bħal ma kien per eżempju Aristotele. Il-bniedem huwa realtà komposta, magħmula minn żewġ elementi, wieħed materjali u l-ieħor spiritwali, ġisem u ruħ. Dawn iż-żewġ elementi, ma hemmx firda bejniethom u l-anqas huma sempliċement imqegħdin wieħed ħdejn l-ieħor, iżda hemm għaqda bejniethom hekk li jiffurmaw l-unità tan-natura umana, jiġifieri jagħmlu natura waħda, jew il-bniedem konkret.

Ir-ruħ hija iżjed importanti u nobbli mill-ġisem, għaliex hija l-prinċipju tal-ħajja fil-bniedem u hija wkoll spiritwali u immortali. Ir-ruħ hija spiritwali għaliex hi għal kollox differenti mill-materja, superjuri għaliha, u tista' twettaq ċerti attivitajiet bħalma huma l-ħsieb u r-riflessjoni li ma jistgħux isiru minn kreaturi materjali. Ir-ruħ hija immortali, għaliex la tista' tmut u l-anqas tinqered.

Il-bniedem huwa mżejjen ukoll bir-raġuni li biha jifhem u jsib il-verità, kif ukoll bil-libertà li biha jista jagħmel ċerti deċiżjonijiet u għażliet ħielsa.

Il-Knisja tistqarr ċerti veritajiet oħra dwar il-bniedem li ġew għandha permezz tar-Rivelazzjoni. Kif jingħad fil-ktieb tal-Ġenesi (2,8), għad li l-ġisem ta' l-ewwel bnedmin huwa msawwar mill-materja, Alla ħalaq direttament ir-ruħ ta' Adam u Eva billi nefħilhom in-nifs tal-ħajja. Il-bnedmin kollha, jiġifieri l-ġens uman kollu huwa mnissel mill-ewwel koppja, u minħabba l-waqgħa ta' Adam u Eva, il-bnedmin kollha jitwieldu bid-dnub tan-nisel, iżda kien hemm ukoll il-fidwa tal-bniedem imwettqa minn Kristu, li sar bniedem biex jeħles il-bnedmin kollha mis-setgħa tal-ħażen. Il-grazzja hija element importanti fil-ħajja tal-bniedem għaliex permezz tagħha huwa jista' jikseb il-paċi nterna f'din id-dinja u jilħaq id-destin etern tiegħu fil-ħajja ta' dejjem.

Il-bniedem għandu dinjità għolja wisq ikbar minn dik tal-kreaturi l-oħra tad-dinja. Meta ngħidu dinjità tal-bniedem nifhmu s-siwi, il-valur u l-kobor tal-bniedem. Mhux xi valur ekonomiku, iżda valur li Alla jilmaħ f'kull bniedem, valur inerenti għan-natura umana. Huwa valur li jinsab f'kull bniedem, bħala bniedem, huma x'inhuma r-razza, is-sess jew l-età tiegħu, kif ukoll is-saħħa, il-ġid il-pożizzjoni soċjali li jista' jkollu jew ma jkollux. Il-prinċipju tad-dinjità tal-bniedem huwa prinċipju fundamentali kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika u f'kull programm soċjali.







Id-dinjità tal-bniedem ġejja mill-fatt li huwa kien maħluq xbieha ta' Alla, ġie mifdi bid-demm l-iktar prezzjuż ta' Kristu biex ikun iben t'Alla u werriet tal-ġenna. Għalhekk ngħidu li kull bniedem għandu destin etern.

Il-bniedem, imqiegħed fil-quċċata tal-ħolqien, mhux soġġett minn ħlejjaq oħra u dipendenti minnhom; iżda jagħraf lil Alla biss bħala kawża u Sid tiegħu. Il-bniedem għandu dmirijiet x'jaqdi, imma għandu wkoll jeddijiet li għandhom jiġu rispettati, għaliex ġew mogħtija lilu mill-Awtur tan-natura umana u għalhekk huma sagri u invjolabbli.

## Il-bniedem: annimal soċjali

Minkejja li għandu diversi kapaċitajiet li bihom jista' jinqeda għall-ġid tiegħu innifsu, il-bniedem ma ġiex maħluq biex jgħix waħdu u iżolat, iżda min-natura tiegħu stess għandu tendenza li jgħix ma' l-oħrajn. Huwa annimal soċjali. Il-bniedem għandu ċerti ħtiġijiet li ma jistax ilaħħaq magħhom jekk ma jkunx f'xirka ma' bnedmin oħra. Meta jkun żgħir jeħtieġ il-protezzjoni u l-għajnuna tal-ġenituri tiegħu, li jaħsbulu għall-ikel, ilbies u abitazzjoni. Il-bniedem, anke meta jikber, jeħtieġ min jgħallmu u min iwiddbu meta jkun fl-iżball. Huwa jirrikorri għand l-oħrajn biex jikseb dak li jkun jeħtieġ u li ma jkollux. Huwa wkoll iħossu hieni meta jaqsam ma' l-oħrajn dak li jkollu, fuq kollox meta jħobb u jħossu maħbub. Għal diversi raġunijiet nistgħu ngħidu li l-bniedem ma jistax jgħix għal żmien twil mingħajr is-soċjetà ta' bnedmin oħra. Il-bniedem għalhekk għandu jitqies mhux biss bħala individwu, iżda wkoll bħala membru tas-soċjetà. Dan jgħodd kemm għas-soċjetajiet naturali bħal ma huma l-familja u s-soċjetà politika jew in-nazzjon, kif ukoll għal soċjetajiet jew strutturi soċjali li joħloq u jibni l-bniedem stess biex jgħinuh biex jiddefendi ruħu u jgħix aħjar il-ħajja tiegħu, bħalma huma xirkiet tal-ħaddiema u għaqdiet oħra. Kif jgħallem il-Papa Ljun XIII, fl-enċiklika tiegħu "Diuturnum", "In-natura, jew aħjar l-Awtur tan-natura li huwa Alla, impona lill-bnedmin li jgħixu fis-soċjetà."

Ir-relazzjonijiet bejn il-bniedem u s-soċjetà jeħtieġ li jkunu gwidati minn ċerti veritajiet elementari, jiġifieri: il-bniedem huwa ogħla u aqwa mill-istrutturi soċjali li għandu madwaru. Dawn l-istrutturi kienu magħmulin għall-bniedem u mhux bil-maqlub, jiġifieri għandhom funzjoni ta' mezz u mhux ta' fini li għalih jiġi soġġettat il-bniedem. Ħafna minn dawn l-istrutturi huma magħmulin mill-bniedem, jew jiddeċiedi hu li jidħol fihom u jiddependu mill-bniedem għad-dinamiżmu tagħhom jiġifieri mingħajr is-sehem u l-attività tiegħu ma jistgħux jiżviluppaw u jimxu 'l quddiem.

CARUANA & CINI
COMPANY LIMITED
40/41 Capuchins' Str. Victoria VCT 108 - Gozo
Tel: 551918, 564431, 564432 - Fax: 561638
Gozo Representatives for
ARISTON & Hotpoint
Appliances
5 year GUARANTEE

## *X'ġara dan l-aħħar*

*(Jaqbad minn paġna 7)*

President tar-Repubblika Profs. Guido de Marco. Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru saret ċelebrazzjoni għat-tfal kollha Għawdxin fir-Rotunda tax-Xewkija. Din iċ-ċelebrazzjoni kienet tikkonsisti f'quddiesa mit-tfal, iċċelebrata mill-Vigarju Ġenerali li fiha kull skola ngħatat xemgħa bħala simbolu ta' tama għall-paċi fil-millennju l-ġdid. Fil-pjazza imbagħad saret kommemorazzjoni tal-25 anniversarju tar-Repubblika, u preżentazzjoni ta' flus lill-President b'risq il-*Community Chest Fund.* Infetħet wirja dwar il-ħajja u x-xogħolijiet ta' l-ex-President Dr. Anton Buttiġieġ, poeta u iben il-Qala. Din il-wirja ttellgħet fil-Banca Giuratale. Is-Sibt 11 ta' Diċembru sar marċ mill-banda ċittadina Leone fir-Rabat, u wara *Minestrone*, spettaklu ta' mużika u żfin imtella' mill-YADA Dance Company fit-Teatru Aurora, Victoria. Il-Ħadd 12 ta' Diċembru saret iċ-ċerimonja uffiċċjali fi Pjazza Indipendenza. Id-diskors sar mill-ex-President tar-Repubblika Dr. Ċensu Tabone. Inżammet il-final tal-logħba futbol għat-Tazza Repubblika fil-Gozo Stadium. Filgħaxija sar marċ mill-banda ċittadina La Stella. F'Jum ir-Repubblika saret ċerimonja kommemorattiva fil-Qala, tiġrijiet tradizzjonali taż-żwiemel u kunċert mill-Orkestra Sinfonika ta' Ruma, b'mużika mill-kompożituri magħrufa Ennio Morricone u Rota.

### *"Meals on wheels"*

Das-servizz beda jopera s-Sibt 18 ta' Diċembru. Ċerimonja qasira nżammet fil-Kumpless tal-Moviment Azzjoni Soċjali f'Għajnsielem. L-ewwel tqassim ta' l-ikel sar fil-preżenza tal-Ministru għal Għawdex u uffiċċjali u rappreżentanti tal-Moviment Azzjoni Soċjali u tal-Ħbieb tal-Morda u l-Anzjani f'Għawdex.

### *Jidħol fil-Port ta' l-Imġarr*




Għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu, il-vapur il-ġdid tal-Kumpanija Gozo Channel, "MV Ta' Pinu", nhar it-Tnejn 6 ta' Diċembru fin-12.30 pm trakka mal-moll ta' l-Imġarr Għawdex. Deher ċar illi ma kien hemm ebda diffikultà. Tard wara nofsinhar saru testijiet oħra u mbagħad il-vapur ittieħed mill-kaptan Mario Grech lejn il-*Marsa Shipbuilding* sabiex jitkompla x-xogħol żgħir li għad jonqos isir.

### *Katamaran*

Il-Katamaran *SES Victoria Express* waqaf milli jkompli bil-vjaġġi tiegħu lejn Għawdex u Sa Maison mis-Sibt 18 ta' Diċembru. Mistenni li jerġa' jidħol fis-servizz f'Marzu tas-sena 2000, meta hemm il-ħsieb li jibda jagħmel vjaġġi oħra minn diversi nħawi, fosthom minn *The Strand* f'Tas-Sliema.



Int u saħħtek

# Il-Mużika : mediċina antika u ġdida

jikteb Dr. Mario Saliba M.D.

Il-mużika ftit jew wisq kulħadd iħobbha u kulħadd għandu l-gosti tiegħu wkoll. Min jiggusta mużika moderna bħal ta' l-Spice Girls u Celine Dion u min il-mużika klassika bħal dik ta' Mozart. Imma ftit jafu li l-mużika tista' tintuża bħala mediċina jew aħjar terapija. Dan l-aħħar fi Glasgow sar studju fejn numru ta' nisa li għaddew minn operazzjoni qalulhom biex jieħdu magħhom l-isptar xi mużika li jħobbu jisimgħu. Tistgħu taħsbu t-tipi differenti ta' mużika li kien hemm. Iżda l-problema ssolviet billi kulħadd qagħad jisma' permezz tal-*headphones*.

Instab illi dawk in-nisa li kellhom il-mużika għaddejja minn kmieni wara l-operazzjoni marru aħjar minn dawk li ma semgħux mużika billi kellhom bżonn inqas mediċina kontra l-uġigħ u rkupraw qabel il-pazjenti l-oħra. Ir-ritmu tal-mużika jgħinek taljena ruħek u toqgħod iktar trankwill minkejja l-uġigħ li jkollok. Il-ġisem ukoll għandu r-ritmi naturali tiegħu u r-ritmu tal-mużika jsir parti mill-ġisem u jeħilsek minn dik l-ansjetà u l-biża' li jistgħu iżidu l-uġigħ. Għal din it-tip ta' terapija kulma jkollok bżonn hu radju żgħir u par *headphones*. Għalhekk l-ewwel darba li jkollok bżonn tidħol l-isptar għal xi operazzjoni tinsiex tieħu miegħek ir-radju jew *cassette player*. Mhux hekk biss, iżda jekk inti tbati minn xi kundizzjoni kronika bħal artrite jew xi uġigħ ieħor, ftit tal-mużika kuljum tista' tiffrankalek dik il-pillola ta' l-artrite li tista' tagħamillek il-ħsara x'imkien ieħor!

Din it-tip ta' terapija sabu li hija tajba wkoll għal dawk it-trabi li jitwieldu qabel iż-żmien u li jkollhom bżonn jinżammu l-isptar fl-inkubatur. Dawn it-trabi li jkunu esposti għar-ritmu mużikali u li kellhom inqas kumplikazzjoniet, użaw ossiġnu iktar effiċjenti u wara kellhom intelliġenza ogħla minn trabi oħra li kienu ikkurati fis-skiet! Il-mużika kienet ukoll ta' benefiċċju għal tfal li kellhom problemi biex



jitgħallmu. Dawn it-tfal waqt il-lezzjonijiet kienu esposti għal mużika ta' Mozart u mużiċisti oħrajn. Għalkemm il-mużika ta' Mozart kienet l-iktar popolari, m'hemm l-ebda evidenza li turi li hija ta' benifiċċju iktar minn kwalunkwe tip ieħor ta' mużika, bħal ngħidu aħna *Jazz, Country, Pop*, eċċ. Għalhekk tkun ideja tajba jekk meta tagħti rigal lil xi ħadd li kellu tarbija tagħtih CD b'xi mużika li trid, basta li tkun mingħajr ħafna storbju. Omm it-tarbija tkun tista' ddoqq ta' spiss din il-mużika fil-kamra fejn ikun hemm it-tarbija u forsi tkanta mal-mużika wkoll! B'hekk bi ftit mużika kuljum, barra li tgħin l-omm tirrileksja mix-xogħol tad-dar, tkun tgħin fl-iżvilupp mentali tat-tarbija. Għalhekk mhux ħaġa ħażina li nagħlaq bil-mużika, u peress li jien togħġobni ħafna l-mużika klassika speċjalment dik ta' Mozart, nissuġġerixi *Sonata for Two Pianos in D Major*.

## Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi

*(jaqbad minn paġna 9)*

ewkaristika għat-tfal, iżda quddiesa sħiħa għalihom, b'lingwaġġ u b'qari bibliku li jinftiehem mit-tfal. Biex it-tfal jipparteċipaw sewwa u b'ferħ fil-quddiesa, għandhom bżonn talb qasir, sempliċi u responsorjali. It-tfal mhux jisimgħu biss iridu, imma wkoll li jitkellmu, li jċapċpu, li jitħarrku, li jkantaw. It-tfal mhux ġeneoloġiji u gwerer ta' l-imgħoddi jridu, iżda stejjer u parabboli qosri u sbieħ. Dan kien l-istil ta' Ġesù. Biex it-tfal nghinuhom iħobbu l-quddiesa, u biex nittamaw li meta jitfarfru jibqgħu jieħdu sehem b'mod aktar mifhum fil-quddiesa, ma nistgħux nagħtu lit-tfal l-element tas-sagru u tal-mistiku biss, u nħeġġuhom biex joqogħdu attenti għall kliem li jkun jgħid is saċerdot, imma fuq kollox irridu nagħtuhom is-sens ta' komunità li tiċċelebra bil-ferħ u bl-entużjażmu l-preżenza ħajja ta' Ġesu' fostha. Kemm hemm min dan fil-quddies tat-tfal?

### WASAL L-ELETTRIKU: FROTT TAS-SENA 2000?!!!

Jidher li wara snin twal numru ta' familji li joqogħdu qrib il-bajja tar-Ramla ser jaslilhom id-dawl elettriku! Ħaġa ta' l-iskantament! Fuq il-faċċata ta' l-uffiċċji ta' l-Enemalta ħdejn is-Seminarju hemm imnaqqxa t-tifkira tal-wasla ta' l-elettriku f'Għawdex (issa aktar minn) mitt sena ilu. Dawn il-familji tar-Ramla jistgħu jagħmlu lapida kommemorattiva: "Wasal fl-aħħar id-dawl elettrika: l-ewwel frott tas-sena elfejn"! Minkejja din il-farsa traġika, ħajr lil kull min stinka biex anke dawn il-familji forsi jidħlu fis-seklu 20... qabel ma jintemm.

Nittamaw issa li dawk responsabbli mill-iżvilupp iżommu iebes biżżejjed u ma jħallux li bl-iskuża ta' l-elettriku, fir-Ramla jibda jsir l-isfruttament tal-bajja. Għandna biżżejjed l-iskandlu tax-Xlendi. Ir-Ramla sabiħa kif inhi. Nippreservawha hekk.

### IĊ-ĊUMNIJA TA' L-ISPTAR ĠENERALI

L-isptar huwa s-sinjal per eċċellenza tal-glieda kontra l-mard. Mhux hekk meta tkun iddaħħan iċ-ċumnija. L-irwejjaħ qawwija li xi drabi joħorġu minn din iċ-ċumnija, flimkien ma' rwejjaħ oħra aktar naturali tal-bhejjem fil-qrib, iġegħluk tiddubita min jagħmel l-aktar ħsara lis-saħħa: hux it-tipjip u d-duħħan tal-karozzi jew inkella d-duħħan taċ-ċumnija ta' l-isptar. Qalulna li dan l-ilment tressaq ukoll lill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria. Tgħid għad tinbidel xi ħaġa?

### IL-ĠGANTIJA: KEMM TISTA' ŻŻOMM WIEQFA?

Smajna li d-Dipartiment tal-Kultura kien għamel pjan li sa Ottubru 1999 jittieħdu għad ta' miżuri biex jiġu mħarsa t-tempji megalitiċi. Fil-konfront tal-Ġgantija, s'issa għadu ma sar xejn. Fil-maltemp li ħakimna fl-aħħar ta' Novembru waqgħu żewġ ġebliet mill-istruttura tal-Ġgantija. Żewġ ġebliet żgħar, wieħed jista' jgħid. Imma tnejn illum u tnejn għada...

Il-ħsara li saret fil-passat ma tissewwiex. Imma llum għandna il-possibiltà u l-mezzi biex nikkonservaw li fadlilna għall-futur.

### IS-*SURVEYS* TAD-*DUREX*

Tad-*Durex* tawha għas-*surveys*. Sabu mezz ġdid kif jagħmlu r-reklami u jbiegħu l-"prodotti" tagħhom. Qegħdin jibbanalizzaw is-sesswalità. Imisshom jgħidulna kemm qed iħallsu taxxa lill-Kaxxa ta' Malta!

### ERBA' SNIN FL-ISTESS POST!

Għal min taħsbu li qed ngħid? Għal karozza! Qalulna li ilha erba' snin fl-istess post. Għandha *plate number* barrani. Tgħattiet b'inċirata u baqgħet issaħħan il-post, minkejja diversi rapporti li saru lill-pulizija. Min jaf, forsi għad issir attrazzjoni turistika għall-millennju!

### MONUMENT LIL ĠUŻÈ AQUILINA

Għaddew aktar minn sentejn mill-mewt tal-Professur Ġuże' Aquilina, Għawdxi li għamel ġieħ kbir lil Malta. Ħasra li f'Għawdex għadu ma sarlu ebda monument. Qalulna li l-Munxar kien twaqqaf kumitat biex jiġbor fondi għal dan il-għan, iżda ftit li xejn sab koperazzjoni mill-pubbliku jew *sponsors*. Jien ċert li kieku saret xi ħaġa simili Malta, kienu jqumu ħafna ditti u banek joffru *sponsors* u jippubblikaw ir-ritratti fil-gazzetti. Għaliex isibuha tant diffiċli jsostnu inizjattivi Għawdxin?! Il-Ministeru għal Għawdex, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u l-Università ta' Malta jistgħu jgħinu b'xi mod? Beda millennju ġdid: tgħid nagħtuh rigal xieraq lil dan il-bniedem li ta ħajtu għal ilsien pajjiżna?

### *QUO VADIS*, FUTBOL GĦAWDXI?

Irridu ngħidu bi ftit tal-ftaħir li t-tim nazzjonali Għawdxi sejjer mhux ħażin. Anzi, nittamaw li jkompli jikseb riżultati tajbin. Anke jekk biex jagħmel dan kellu jinqeda b'ħafna plejers 'barranin'.

Li wieħed irid jistudja sew, u dan hu xogħol il-GFA, hu x'effett qed tħalli l-preżenza tat-tim nazzjonali Għawdxi fil-kampjonat Premier f'Malta fuq il-bqija tal-kampjonat Għawdxi. Donnu li l-kampjonat Għawdxi qed jitlef mill-importanza u jingħata ftit ftit il-ġenb. Il-partiti qegħdin jintlagħbu fil-grawnd ta' Sannat. Qabża lura, għax altru tilgħab fuq il-ħaxix u altru tilgħab fuq il-ġebel li hemm fil-wiċċ tal-grawnd ta' Sannat. Jekk it-*turf* sar biex jintuża mit-tim nazzjonali biss, ifisser li ftit Għawdxin qegħdin jibbenefikaw minnu. Barra minn hekk, il-grawnd ta' Sannat ma joffrix protezzjoni kontra x-xita lill-ispettaturi, minkejja li dawn iħallsu l-istess prezz tad-dħul daqs li kieku qegħdin fil-Gozo Stadium.

# Għawdex Sportiv

## *BASEBALL* : SPORT ĠDID GĦALL-ĠŻIRA TAGĦNA



Il-*Baseball* hija logħba internazzjonali antika li oriġinat fl-Amerika qabel in-nofs is-seklu l-ieħor. Kien waqt il-logħob olimpiku tal-1936 li nżamm f'Berlin, li twaqqfet l-Għaqda Internazzjonali bi 17-il pajjiż bħala membri fundaturi. F'Malta ilu li beda jintlagħab 15-il sena bil-kampjonat nazzjonali jkun organizzat f'dawn l-aħħar 6 snin. Din il-mixja sportiva waslet Għawdex ukoll. Proprju s-sena l-oħra twaqqaf tim Għawdxi tal-*baseball* bl-isem ta' **Tornados** fejn ħa sehem fil-kampjonat malti u spiċċa fit-tielet post.



Bħala kowċ tat-tim insibu lil Mario Debono, li meta kellemnieh qalilna li daqs sena u nofs ilu grupp ta' żgħażagħ Għawdxin dilettanti tal-logħba kienu kkuntattjaw lill-Assoċjazzjoni Maltija tal-*baseball* biex jaraw x'jistgħu jagħmlu biex jiffurmaw tim f'Għawdex. Fil-fatt kien ġie ngaġġat l-istess Mario Debono u dan, minn Malta, mingħajr interessi ħa l-inkarigu biex jikkowċja lil dan it-tim Għawdxi.



It-tim, bħal sports ieħor, qed jilgħab fuq bażi ta' *home* u *away* bid-differenza li mhux bħal fil-kas tal-futbol, li meta l-Maltin jilgħabu f'Għawdex dawn iħallsu huma l-ispejjes li jagħmlu u imbagħad meta l-Għawdxin jinżlu jilagħbu fuq il-ħaxix tal-Marsa jkunu huma li jieħdu ħsieb l-ispejjeż tagħhom. Huwa punt validu, mingħajr l-ebda diskriminazzjoni u mibni fuq il-valur tal-*fair play*. Il-logħob f'Għawdex qed issir fil-grawnd ta' Kerċem, ġentilment misluf lilhom minn Kerċem Ajax FC.

Minħabba li dan il-grawnd mhux kbir ħafna daqs kemm jirrekjedi li jkun *pitch* tal-Baseball, kellhom isiru xi modifikazzjonijiet tar-regolamenti f'dan ir-rigward.



It-Tim tal-*Baseball* ikun iffurmat minn 9 plejers u l-logħob qed isir fuq bażi ta 6 *innings* kontra d-9 li jintlagħbu fuq livell professjonali. Skond il-kowċ Debono, l-entużjażżmu fiż-żagħżagħ li qed jilagħbu fit-tim Għawdxi huwa kbir u f'dan iż-żmien qasir qed juru progress notevoli. Huma jsibu għajnuna mill-fergħa Għawdxija tal-*Maltese Canadian Association* li taw l-għajnuna tagħhom biex bdew jarmaw it-tim.

Fil-fatt huma jixtiequ ħafna li jkollhom *sponsor* uffiċċjali biex b'hekk ikopru xi spejjeż li qed ikollhom biex ikomplu bil-parteċipazzjoni tagħhom. It-tim Għawdxi huwa ffurmat minn Charles Elvis Attard u Robert Pisani bħala *1st basemen*, Steven Galea u Andrew Muscat bħala *2nd basemen*, Sean Camilleri u Jason Muscat bħala *3rd basemen*, Mario Debono u Josef Vella bħala *shortstops*, Silvio Sultana bħala *catcher*, Jeff Tabone bħala *pitcher*, Mark Buttiġieġ u Charles Tabone bħala *left fielders*, Brian Theuma bħala *center fielder* u George Attard u David Buttiġieġ bħala *right fielders*.

*jikteb Joe Bajada*

# TITLIFX ĊANS BĦAL DAN... ITTANTA XORTIK!

## 10 RIGALI SPEĊJALI

Jekk tabbona fil- "*ĦAJJA F"GĦAWDEX*" sal-**10 ta' Frar 2000**, għall-prezz ta' Lm 3.00 biss għal 10 ħarġiet mimlija qari interessanti, għandek ukoll iċ-ċans li tirbaħ xi wieħed minn dawn il-

**ĦAFNA RIGALI SBIEĦ**
***għall-Abbonati tagħna***



**1. Ariston Washing Machine** - *Tiswa' LM 219*
(600 RPM - Full Load - Spin Switch - 5 kgs cap.)



**2. Artel Dehumidifier** - *Jiswa' Lm 165*
(Auto defrost - Equipped with carbon filter)



**3. Goldstar Microwave Oven** - *Jiswa' Lm120*
(800 Watts - with Grill - 60 m. timer)



**4. Black & Decker Steam Iron** - *Tiswa' Lm17*
(X600 - 2 years guarantee)



**5. Black & Decker Hand Mixer** - *Jiswa' Lm17*
(M24S - 2 years guarantee)



**6. Black & Decker Toaster** - *Tiswa' Lm17*
(Duet - Two Slice - 2 years guarantee)




**7. Black & Decker Crush Juicer** - *Jiswa' Lm12*
(JE30 - Crush Citrus - 2 years guarantee)



**8. Million Host Heater** - *Jiswa' Lm10*
(Electronic Quartz - 6 months guarantee)



**9. Major Cordless Kettle** - *Tiswa' Lm9*
(1.7 litres - 6 months guarantee)



**10. Major Sandwich Toaster** - *Tiswa' Lm8*
(Portable - 6 months guarantee)

***Tħallix għal għada! Fittex abbona llum!***

**AQRA u IRBAĦ** mal- **"Ħajja f'Għawdex"**

# Mid-dinja Teknoloġika

rubrika ta' **Pierre J. Mejlak**

L-esperti jgħidu li f'dawn l-għoxrin sena li ġejjin, il-qasam tas-saħħa ser jagħmel qabża ekwivalenti għal dik li għamel f'dawn l-aħħar elfejn sena! Is-seklu li għadu kemm beda ser jara pazjenti b'*sensors* f'ġisimhom li jkunu kapaċi jaqdbu l-mard hekk kif jitfaċċa. Dan is-seklu ser jara *toilets* li awtomatikament jinformawk biz-zokkor fid-demm. Il-lista ma tispiċċa qatt. Il-*Brtish Medical Journal* (BMJ) u l-*Journal of the American Medical Association* (JAMA) ikkummisjonaw numru ta' esperti biex ibassru kif il-mediċina ser tagħmel progress f'dan is-seklu, kif ukoll biex janalizzaw ir-relazzjoni futura bejn l-etika u l-progress f'dan il-qasam. Dawn huma wħud mill-vantaġġi li bassru dawn ix-xjenzati:

* Kull pazjent li ser jiddaħħal fi sptar, sejrin jitwaħħlulu *sensors* f'ġismu, li awtomatikament jagħmlu x-xogħol ta' aktar minn 40 test!

* Ser jitwieled imnieħer elettroniku, li jkun jista' jxomm u jaqsam f'biċċiet l-irwejjaħ kaġunati minn *bacteria* li tipproduċi diversi nfezzjonijiet.

* Għal dawk li jkunu se jitilfu d-dawl ta' għajnejhom, ser jitwieled *biochip photosensor* li jitwaħħal fl-għajnejn bħala retina artifiċjali.

* It-teknoloġija ser taħseb ukoll għad-dijabetiċi. Ser ikunu jistgħu jwaħħlu taħt il-ġilda *sensor* ta' ammont ta' insulina, li awtomatikament jirregola d-doża ta' insulina fil-ġisem.

* It-*toilets* ser ikunu mgħammra b'sistema li tanalizza z-zokkor fid-demm u jekk ikun hemm bżonn tibgħat l-informazzjoni kollha lit-tabib.

* Se jiġu vvintati *wheelchairs* li kapaċi jogħlew b'tali mod li persuna tkun tista' tiġi wiċċ imb'wiċċ ma' persuna bilwieqfa. Dawn il-wheelchairs ser ikunu jistgħu jgħaddu minn fuq ir-ramel u blat, kif ukoll jitilgħu it-turġien!

Jekk dawn ix-xjenzati qed ibassru sew, it-tfal tal-lum ser jassistu għal spettaklu sħiħ! L-isptar ta' tmiem dan is-seklu ser ikun mgħammar b'sistema li tifli lill-viżitaturi u tara li m'għandhom l-ebda mard li jista' jittieħed. Ser jiddaħħal il-kunċett ta' *video conferencing* li permezz tiegħu tista' ssir operazzjoni bejn grupp ta' tobba mifruxa mad-dinja kollha! L-inġinerija ġenetika mistenija tiddomina s-seklu għall-kontroversja li ser taqla'. Ser ikun possibli t-twelid ta' razza perfetta, iżda din il-ħaġa ser tibqa' biss ħolma... ta' l-anqas f'dan is-seklu!

Dr. Charles Wilson, direttur tal-*"Institute for the Future"* ta' l-Università ta' California f'San Francisco, kien wieħed mill-esperti tal-BMJ. It-tbassir tiegħu jaħsdek! Hu jemmen li f'dan is-seklu ser jibda trapjant ta' organi mill-annimali għall-bniedem. Hu qal: "Fil-futur, rziezet tal-ħnieżer ser jinbnew ħdejn sptarijiet u dan sabiex l-organi jkunu jistgħu jiġu ffabrikati u mpoġġija fil-pazjenti aktar bla telf ta' żmien! Dr. Richard Smith, l-editur ta' BMJ qal: "Hemm għexieren ta' invenzjonijet teknoloġiċi tant eċċitanti. Dawn jistgħu jkunu ta' benefiċċju enormi għall-umanità, iżda żgur li ser iġibu magħhom problemi ta' etika, mistoqsijiet fosthom jekk nistgħux nidħlu għal tant spejjeż, min ser ikollu aċċess għal xi invenzjonijiet u min ser jitħalla barra". Laqtitni frażi minn tiegħu: "Ċertament it-teknoliġija tal-futur mhix ser toffri rimedju għal kull problema, anzi ser toħloq problemi daqs kemm ser jirnexxielha ssolvi".

## Qwiel u Qaddisin

Fi tmiem il-millenju l-istudjuż tal-folklor Għawdxi **Victor J. Galea** jagħti ħarsa lura lejn it-twemmin, id-drawwiet u l-qwiel minsuġa u marbuta mal-ħajja ta' ġensna f'dawn l-aħħar elf sena. Ġabra ta' tagħrif mirqum li dnub jekk jintilef mal-medda taż-żmien li ġej.
Dan huwa teżor tal-kultura tal-poplu tagħna.
Dan huwa wirt missirijitna, li għandna nibqgħu nħożżuh.

*Dun Anton Sultana*
*Pubblikatur*

CALYPSO ISLAND PUBLICATIONS
C I P
GOZO - MALTA



ISBN: 99909-92-00-2

Victor J. Galea

QWIEL U QADDISIN

CALYPSO ISLAND PUBLICATIONS
C I P
GOZO - MALTA

Victor J. Galea

# QWIEL u QADDISIN

### *Folklor u Twemmin f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin*



CALYPSO ISLAND PUBLICATIONS
C I P
GOZO - MALTA




CAR OF THE YEAR 2000

THE NEW TOYOTA YARIS - IT DEFIES LOGIC

TOYOTA

debono Rohan Arch - Zebbug - Tel: 465806, 465642. Fax: 464095.

PARDI ENTERPRISES LTD.
Gozo Dealer